

ELET
Early Leaving from Education and Training
*It-triq 'il quddiem*

# STRATEĠIJA
## GĦAT-TLUQ BIKRI
### MILL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ

*IT-TRIQ 'IL QUDDIEM*
## 2023–2030


**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIRETTORAT GĦAR-RIĊERKA, IT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U L-IMPJEGABBILTÀ

# APPROĊĊ OLISTIKU U INKLUŻIV BIEX JIĠI INDIRIZZAT **IT-TLUQ BIKRI MILL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ (ELET) F'MALTA**

*IT-TRIQ 'IL QUDDIEM*

## 2023–2030

Żviluppata FL-2021 - Riveduta fl-2022-2023


Taqsima għat-Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ
Id-Direttorat għar-Riċerka, it-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabbiltà
**Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni**

# DAĦLA
## L-Onor. Ministru Dr Clifton Grima

Fl-2015, Malta kienet waħda mill-ewwel pajjiżi tal-UE li ppubblikat strateġija speċifika dwar it-Tluq Bikri mill-Iskejjel (ESL), għal studenti li ma kisbux kwalifiki ta' livell sekondarju superjuri. L-UE tirrakkomanda li jkun hemm strateġija bħal din f'kull pajjiż. Reċentement, l-ESL beda jissejjaħ "Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ" (ELET) sabiex jinkludi mhux biss il-perkorsi akkademiċi iżda wkoll dawk vokazzjonali.

L-ewwel strateġija nazzjonali kienet żvilupp ewlieni f'Malta fil-qasam edukattiv. Din l-istrateġija kkontribwiet għal tnaqqis kostanti u sinifikanti fl-għadd ta' studenti li jitilqu mill-edukazzjoni u t-taħriġ b'inqas minn kwalifika tal-Livell 3 tal-MQF.

F'Diċembru tal-2022, ir-rata tal-ELET f'Malta, skont il-Eurostat, kienet ta' 10.1%. F'Diċembru tal-2005 ir-rata kienet laħqet rata rekord ta' 33%. Malta kienet waħda mill-ftit pajjiżi li b'mod kostanti naqqsu r-rata f'dawn l-aħħar snin u konsistentement irreġistraw tnaqqis f'dawn l-aħħar 10 snin. Mill-2017 'l hawn, Malta rreġistrat l-akbar rata ta' tnaqqis fl-ELET mill-pajjiżi kollha tal-UE. L-UE stabbiliet mira li tistipula li s-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għandu jkun inqas minn 9% sal-2030.

Qed inħarsu 'l quddiem biex intejbu r-riżultati tagħna, u għalhekk din l-istrateġija "L-approċċ olistiku u inklużiv biex nindirizzaw it-Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ELET) f'Malta", hija it-triq 'il quddiem sal-2030.

It-Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ hija kwistjoni urġenti fl-Ewropa bi spejjeż konsiderevoli għall-individwi u s-soċjetà. Il-ġlieda kontra l-ELET hija element ewlieni tal-Qafas Strateġiku tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ għall-2030. L-indirizzar tal-ELET jibqa' prijorità politika ewlenija, u b'hekk jitkompla l-aġġornament kontinwu tal-istrateġija olistika tagħna. Din il-Politika ta' Strateġija Nazzjonali ssaħħaħ il-prinċipji bażiċi, tassigura edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità għal kulħadd u l-promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja; Tnaqqas ukoll il-lakuni fir-riżultati edukattivi bejn is-subien u l-bniet u bejn studenti li jattendu skejjel differenti; u tnaqqas l-għadd ta' studenti b'kisbiet baxxi.



Tiżdied il-kwalita fil-litteriżmu, in-numeriżmu, u l-kompetenza fix-xjenza u t-teknoloġija; iż-żieda fil-kisbiet tal-istudenti; l-appoġġ għall-kisba edukattiva tat-tfal f'riskju ta' faqar u status soċjoekonomiku baxx; iż-żieda fil-livelli taż-żamma u l-kisbiet tal-istudenti f'edukazzjoni u taħriġ ulterjuri, vokazzjonali, u terzjarju; u fil-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja u t-tagħlim għall-adulti.

Biex din l-istrateġija tiġi implimentata b'mod effettiv, inħeġġeġ bis-sħiħ li tiġi ffurmata sħubija strateġika bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, ġenituri u/jew kustodji, il-komunitajiet, dawk li jfasslu l-politika, dawk li jħaddmu, it-trade unions, u s-soċjetà b'mod ġenerali, li timxi b'mod parallel mar-realtajiet soċjoekonomiċi attwali. Billi naħdmu flimkien, niksbu aktar suċċess fl-indirizzar tal-kwistjoni tat-tluq bikri mill-iskola għaliex b'hekk, niksbu edukazzjoni ekwa u inklussiva u l-ġustizzja soċjali.

# Daħla
## Is-Segretarju Permanenti s-Sur Matthew Vella

Is-Sistema tal-Edukazzjoni Maltija miexja lejn approċċ aktar iffukat fuq il-persuna u l-kisba olistika. Il-benesseri tal-istudenti jinkiseb l-aħjar meta huma jitqiegħdu fiċ-ċentru tas-sistema edukattiva.

Madankollu, is-suċċess tal-istudenti huwa affettwat minn varjetà ta' influwenzi, bażikament il-familja, l-iskola u l-komunità. L-istudenti jirnexxilhom jiksbu aktar meta dawn jaħdmu flimkien. Għalhekk, għal kwalità u ekwità mtejba, l-impetu tal-istrateġija huwa l-adozzjoni ta' approċċ integrat billi r-responsabbiltà tinqasam ma' Ministeri u partijiet interessati oħra biex jiġi implimentat il-programm ta' rabta bejn il-familja, u l-iskola u l-komunità. Din l-istrateġija tadotta approċċ trasformattiv u tiffoka fuq l-involviment tal-ġenituri u tal-komunità b'modi sinifikanti u kulturalment xieraq. Malta rat tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' studenti li jitilqu mill edukazzjoni u t-taħriġ bikri, mill-iżvilupp tal-ewwel strateġija nazzjonali.

F'dan il-kuntest, it-Taqsima għat-Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ fi ħdan id-Direttorat għar-Riċerka, it-Tagħlim tul il-Ħajja u l-Impjegabilità għandha l-għan li tikkonsolida u tressaq azzjonijiet strateġiċi li jkomplu jimmiraw lejn it-tnaqqis tat-Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ f'Malta. Konsegwentement, u fuq il-bażi ta' riċerka estensiva bbażata fuq l-evidenza, l-istrateġija hija magħmula minn tliet pilastri strateġiċi li għandhom fil-mira tagħhom il-prevenzjoni, l-intervent u l-miżuri ta' kumpens rispettivament.

L-enfasi ewlenija tinsab fi ħdan il-pilastru ta' prevenzjoni li jġib miegħu investiment solidu fl-edukazzjoni tas-snin bikrija sabiex jwassal għal bidla minn inizjattivi awtonomi għal programmi b'saħħithom ibbażati fuq l-evidenza. Dan huwa kkomplementat bil-bidla fil-paradigma ta' monitoraġġ u evalwazzjoni sistematiċi għal effettività akbar.



Jiena pożittiv ħafna li permezz ta' dan il-pjan strateġiku li jiżgura approċċ kollaborattiv u aktar integrat, Malta se tkompli tnaqqas ir-rati ta' Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ u tħejji lill-istudenti għat-tagħlim tul il-ħajja.

# AWTURI

Dr Pamela Marie Spiteri

Alexander Farrugia

# KONTRIBUTURI

Joseph Gatt

Ruth Muscat

# KONSULENTI

Dr Eemer Eivers
Dr Paul Downes
Raymond Camilleri

# REVIŻURI

Matthew Vella
Patrick Decelis
Michelle Calleja Gafa
Doreen Coleiro

ELET Early Leaving from Education and Training
*The way forward*



# WERREJ


**Daħla tal-Onor. Ministru Dr Clifton Grima** 02
**Daħla tas-Segretarju Permanenti s-Sur Matthew Vella** 04
**Abbrevjazzjonijiet** 08
**Sommarju Eżekuttiv** 11

**Sfond, Għanijiet u Objettivi** 14
**Deskrizzjoni tal-Istrateġija għall-Pilastri ta' Prevenzjoni, Intervent u Kumpens** 20
**Strateġija ELET: Azzjonijiet Strateġiċi Deskritti fil-Qosor** 22
Azzjonijiet Strateġiċi ta' Prevenzjoni 26
Azzjonijiet Strateġiċi ta' Intervent 38
Azzjonijiet Strateġiċi ta' Kumpens 50
**Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-Istrateġija** 62
**ELET: It-Triq 'il Quddiem** 64

**Referenzi** 66

**Lista ta' Figuri**
Figura 1 Rati tal-ELET fi ħdan l-UE (Eurostat, 2021) 14
Figura 2 Data riveduta tal-ELET fl-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS) 16
Figura 3 Għanijiet u Objettivi tal-Istrateġija – Indirizzar ta' studenti f'riskju ta' ELET 18
Figura 4 15-il azzjoni strateġika biex jitnaqqas l-ELET f'Malta 21
Figura 5 Indikaturi tar-riskju tal-ELET 23
Figura 6 Monitoraġġ u Evalwazzjoni 63

# ABBREVJAZZJONIJIET

| | |
|---|---|
| ALP | Programm ta' Tagħlim Alternattiv |
| CEDEFOP | Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali |
| CCP | Programm tal-Kompetenzi Ewlenin |
| COVID-19 | Marda tal-Coronavirus 2019 |
| CRC | Ċentru tar-Riżorsi tal-Kottonera |
| DLAP | Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar |
| DLTS | Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Trasversali |
| DQSE | Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni |
| DRLLE | Direttorat għar-Riċerka, it-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabbiltà |
| DSRCMs | L-Iżvilupp ta' Rakkomandazzjonijiet għal Miżuri Obbligatorji |
| EAU | It-Taqsima ta' Assessjar Edukattiv |
| ECEC | Edukazzjoni u Kura Bikrija tat-Tfal |
| ELET | Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ |
| ELETU | It-Taqsima ta' Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ |
| ESL | Tluq Bikri mill-Iskola |
| ESLU | Taqsima għat-Tluq Bikri mill-Iskola |
| EU | Unjoni Ewropea |
| EWS | Sistema ta' Twissija Bikrija |
| FCS | Skema ta' Childcare Mingħajr Ħlas |
| FES | Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi |
| ĠEM16+ | Ġużè Ellul Mercer 16+ |
| GCHSS | L-Iskola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi |
| HCNs | Network tal-Kapijiet tal-Kulleġġ |
| HOD | Kap tad-Dipartiment |
| HoSs | Kapijiet tal-Iskejjel |
| HSCL | (fl-Irlanda) Home School Community Liaison |
| IEA | Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Evalwazzjoni tal-Kisbiet Edukattivi |
| IFE | Istitut għall-Edukazzjoni |
| IMC | Kumitat Interministerjali |
| IMU | Taqsima għall-Immaniġġjar tal-Informazzjoni |
| ISCED | Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni |
| ITS | Istitut tal-Istudji Turistiċi |
| LFS | Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol |
| LSE | Edukatur ta' Appoġġ għat-Tagħlim |
| MAPSSS | Assoċjazzjoni Maltija tal-Ġenituri tal-Istudenti tal-Iskejjel Statali |
| MATSEC | Ċertifikat tal-Matrikola u l- Edukazzjoni Sekondarja |
| MCAST | Il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija |
| MEYR | Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni |
| MFE | Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol |
| MFED | Ministeru għall-Edukazzjoni |
| MLU | Taqsima għal Studenti Migranti |
| MQF | Il-Qafas ta' Kwalifiki ta' Malta |
| MSPC | Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal |
| MUT | Malta Union of Teachers |
| NCF | Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali |
| NLA | Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu |
| NSO | Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika |
| NSSS | Servizzi Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Iskejjel |

| | |
|---|---|
| OECD | Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku |
| PIRLS | Progress fl-Istudju Internazzjonali tal-Litteriżmu fil-Qari |
| PMED | Direttorat għall-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni tal-Politika |
| PS | Segretarju Permanenti |
| PSCD | Żvilupp Personali, Soċjali u tal-Karriera |
| QAD | Id-Dipartiment tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità |
| RCMs | Rakkomandazzjonijiet |
| SDG | Għan ta' Żvilupp Sostenibbli |
| SEC | Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja |
| SES | Status Soċjoekonomiku |
| SRSS | Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali |
| UOM | L-Università ta' Malta |
| VET | Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali |
| WSA | Approċċ ta' Skola Sħiħa ("Whole School Approach") |





# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Fi ħdan id-demografija li qed tinbidel globalment b'mod kontinwu, ir-riċerka tissuġġerixxi korrelazzjoni qawwija bejn it-Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ELET) u l-benesseri tal-istudenti fl-iskola u l-isfond soċjoekonomiku u multikulturali tagħhom.[1] Konsegwentement, ir-riċerka effettiva u l-esplorazzjoni xjentifika tar-riskji ewlenin tal-ELET fil-kuntest ta' Malta u lil hinn minnha appoġġaw l-iżvilupp ta' dan il-qafas b'rabta mal-evalwazzjoni tal-istrateġija preċedenti.

L-indirizzar tal-fatturi ta' riskju tal-ELET fl-istadji inizjali tal-vjaġġ edukattiv tat-tfal jappoġġa sistema edukattiva aktar inklużiva u olistika, u din hija r-raġuni għaliex din l-istrateġija tadotta pilastri strateġiċi ta' prevenzjoni u intervent bħala l-ewwel żewġ azzjonijiet biex jiġi indirizzat l-ELET. Għalhekk, il-***Miżura ta' Prevenzjoni 1*** għandha titqies bħala l-inizjattiva ewlenija tal-istrateġija, segwita mill-*Miżuri ta' Intervent 1 u 3.*

It-tielet pilastru jinvolvi sensiela ta' miżuri ta' kumpens li għandhom fil-mira tagħhom l-edukazzjoni postobbligatorja, inkluż l-għoti ta' tagħlim lill-adulti, biex b'hekk jimmiraw għal żieda fir-reġistrazzjoni u ż-żamma tal-istudenti f'dan is-settur.

Għalhekk huwa essenzjali li l-fatturi ta' riskju tal-ELET jiġu mmonitorjati matul l-istadji bikrija sabiex jiġu żviluppati politiki u sistemi effettivi permezz tal-intervent konġunt ta' diversi partijiet interessati u b'hekk tiġi pprovduta sistema ekwa u soċjalment ġusta.

[1] Borg, C., Camilleri, K., Caruana, V., Naudi, M., Vella, M. G., & Raykov, M. (2015). Early school leaving and wellbeing in Malta and beyond: A statistical analysis. Il-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà.

Spiteri, P. M. (2023). A Widening Inequality Gap: Reducing Educational Inequalities in Europe by Reaching Out to Students and Families at Risk during a Time of Crisis and Beyond. Education in an Altered World: Pandemic, Crises and Young People Vulnerable to Educational Exclusion, 93

L-approċċ olistiku u inklużiv nazzjonali biex jiġi indirizzat l-ELET f'Malta konsegwentement japprova azzjonijiet strateġiċi lejn approċċ ta' skola sħiħa bbażat fuq it-tliet pilastri (jiġifieri l-prevenzjoni, l-intervent u l-kumpens). L-ELET għandu jinkludi sħubija strateġika bejn l-edukaturi, l-istituzzjonijiet edukattivi, il-familji, it-tuturi, il-komunitajiet, dawk li jfasslu l-politika, dawk li jimpjegaw, it-trade unions, u s-soċjetà ċivili li timxi b'mod parallel mar-realtajiet soċjoekonomiċi attwali. L-azzjonijiet strateġiċi li qed jiġu proposti huma kollha bbażati fuq riċerka mwettqa matul l-aħħar snin permezz ta' fondi nazzjonali u Ewropej garantiti u żviluppati mit-Taqsima għat-Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ELETU) sabiex tiġi żviluppata l-istrateġija tal-ELET permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq. Prinċipalment, l-ELETU fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) wettqet erba' proġetti ta' riċerka ewlenin li, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tar-riċerka tal-UE, appoġġaw l-abbozzar ta' din l-istrateġija, jiġifieri:

1. Rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-proġett tas-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali (SRSS) imwettaq fl-2018-2019.[1]

2. Studji ta' studenti li telqu kmieni minn istituzzjonijiet postsekondarji fl- 2017-2020.[2]

3. Rapporti annwali ta' implimentazzjoni.[3]

4. Feedback u riċerka miġbura minn simpożju internazzjonali organizzat f'Malta mill-MEYR f'Novembru tal-2019 (ELET, it-Triq 'il Quddiem).[4]

[1] ESLU, MFED. (2019). Centralised Monitoring and Early Identification of Students at Risk of Early School Leaving (ESL): Approaches to ESL prevention. (Il-proġett ġie kkummissjonat mis-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali (SRSS) tal-Kummissjoni Ewropea u ngħata lill-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Evalwazzjoni tal-Kisbiet Edukattivi (IEA). Ir-rapport attwali nkiteb minn Dr. Eemer Eivers f'isem l-IEA.)

[2] ESLU, MFED. (2020). Students Dropping out from Post-Secondary Institutions. Second Study. (Mhux pubblikat).

[3] ESLU, MFED. (2020). Recommendations emerging from annual implementation report and evaluative review of strategy. (Mhux pubblikat).

[4] ESLU, MFED. (2019). Feedback minn simpożju internazzjonali li dam tlett ijiem, 'ELET- It-Triq 'il Quddiem'.





Sa mit-twaqqif tagħha fl-2014, l-ELETU dejjem tat prijorità lil sħubija soda tal-partijiet interessati sabiex jissaħħaħ qafas komprensiv għall-ġbir tad-data relatat mal-ELET li jista' jwassal għal implimentazzjoni effettiva tal-istrateġija. L-ELETU qabel kienet tissejjaħ ESLU. Billi din l-istrateġija f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) u tal-Unjoni Ewropea, tapprova l-ELET aktar milli t-Tluq Bikri mill-Iskola (ESL), l-isem tat-taqsima mibdul jirrifletti din l-approvazzjoni.

Dan il-pjan strateġiku f'konformità mar-riċerka nazzjonali u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Ewropew li jindirizzaw direttament il-perkorsi fil-mira ELET ET2030 għas-suċċess fl-iskejjel[5] jirrakkomanda t-tisħiħ tal-ELETU taħt il-patroċinju tal-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti tal-MEYR bil-mandat li jkun responsabbli u jieħu ħsieb ir-risposti għall-isfida tal-ELET. Barra minn hekk, se jkun f'pożizzjoni strateġika biex iżomm lill-ELETU fuq quddiem fl-aġenda tal-Ministeru u tal-Gvern biex tkompli tonqos ir-rata tal-ELET u jiġu indirizzati l-fatturi ta' riskju tal-ELET.

[5] https://www.consilium.europa.eu/media/60390/st14981-en22.pdf

# 1. SFOND, GĦANIJIET U OBJETTIVI

Il-proporzjon tal-ELET fost l-Istati Membri tal-UE fl-2020 varja minn 2.2 % fil-Kroazja għal 16% fi Spanja (Figura 1). Għal finijiet ta' statistika, l-ELET, imsejjaħ ukoll it-tluq bikri mill-iskola (ESL), huwa definit fl-Ewropa bħala persuni ta' bejn it-18 u l-24 sena li jaqgħu taħt iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-ogħla livell ta' edukazzjoni jew taħriġ komplut huwa l-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell, u b'hekk ma jlestux l-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell, u

(b) Ma jkunu ħadu l-ebda edukazzjoni jew taħriġ fl-erba' ġimgħat ta' qabel l-istħarriġ.[1]

**Figura 1: Rati tal-ELET fl-2020 fi ħdan l-UE (Eurostat, 2021)**




[1] https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Glossary:Early_leaver_from_education_and_training#:~:text=For%20Eurostat%20statistical%20purposes%2C%20an,at%20most%20lower%20secondary%20education.





Il-mira tal-UE hija li tnaqqas l-ELET għal inqas minn 9% sal-2030. Il-maġġoranza tal-pajjiżi jiġbru d-data u jiddefinixxu l-ELET bl-użu ta' kriterji nazzjonali allinjati maż-żewġ kundizzjonijiet tal-UE. Sa Novembru 2021, ir-rata tal-ELET ta' Malta kienet uffiċjalment ogħla minn 16% għas-sena 2020. L-NSO ppubblika statistika riveduta bħala riżultat tal-"allinjament mill-ġdid tal-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED) mal-Qafas Malti tal-Kwalifiki (MQF). Ir-rata uffiċjali tal-ELET għall-2020 ġiet konsegwentement riveduta għal 12.6% (Ara l-figura 2). Din ir-reviżjoni kienet meħtieġa biex tiżgura konformità aħjar mar-Regolamenti Ewropej li jirregolaw l-istatistika dwar l-edukazzjoni u ttejjeb il-komparabbiltà tar-riżultati fil-livell Ewropew"[1]. Minħabba dan ir-riallinjament, ir-rata perċentwali tal-ELET f'Malta issa tirreferi għas-sehem ta' persuni bejn it-18 u l-24 sena li kisbu edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew inqas (ISCED < 2)[2] u li mhumiex qed isegwu aktar edukazzjoni jew taħriġ. F'konformità mad-definizzjoni tal-UE u l-kriterji stabbiliti, ISCED 0 - 2 jimplika, kif iddikjarat mill-NSO, l-ebda skola, edukazzjoni primarja, skejjel speċjali għal persuni b'diżabilità, u persuni li kisbu livell ta' edukazzjoni sekondarja u li għandhom inqas minn żewġ O levels jew kwalifiki ekwivalenti.[3]

> L-ELET jinkludi d-definizzjonijiet proprji tal-pajjiżi ta' min fil-kuntest nazzjonali huwa meqjus bħala persuna li titlaq kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ. Dan jinkludi, pereżempju, pajjiżi li jirreferu għal żgħażagħ li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien mingħajr ma jtemmu dak li jitqies fil-kuntest nazzjonali bħala edukazzjoni bażika (normalment edukazzjoni primarja u sekondarja), kif ukoll dawk li jiddefinixxu dawk li jitilqu kmieni mill-iskola bħala żgħażagħ li jitilqu mill-iskola mingħajr ċertifikat ta' tluq mill-iskola sekondarja tat-tieni livell". Għal xi wħud, il-kunċett ta' ELET huwa importanti wkoll peress li jinkludi b'mod aktar ċar lil dawk li telqu mill-korsijiet tat-taħriġ vokazzjonali.[4] (p.3)

Din l-istrateġija konsegwentement tippromwovi l-użu tat-terminu Ewropew emerġenti ELET, għall-kuntrarju tal-ESL, peress li l-ELET jinkludi l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET). F'dawn l-aħħar snin, Malta bdiet vjaġġ nazzjonali ta' suċċess sabiex tippromwovi t-tagħlim u l-apprendiment tal-VET u tissodisfa l-ħtiġijiet tal-apprendiment tal-istudenti kollha.

[1] Taqsima tal-Istatistika tas-Suq tax-Xogħol u tas-Soċjetà tal-Informazzjoni, 2021, p. 1

[2] Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell tirreferi għall-ISCED (Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni) 2011 livell 02 għad-data mill-2014 'il quddiem u għall-ISCED 1997 livell 0–3C fil-qosor għal data sal-2013.

[3] Taqsima tal-Istatistika tas-Suq tax-Xogħol u tas-Soċjetà tal-Informazzjoni, 2021, p. 1

[4] Kunsill, E. (2019). Rakkomandazzjoni dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel. Rapport Finali tal-2019. Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

**Figura 2: Data riveduta tal-ELET fl-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS) (Sors: NSO)[1]**




Malta rat tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' studenti li jitilqu mill-edukazzjoni u t-taħriġ b'inqas minn kwalifika tal-livell 3 tal-MQF. Ir-rata tal-ELET ta' Malta għadha meqjusa għolja meta mqabbla ma' xi wħud mill-kontropartijiet tagħha fl-UE, għadha ogħla minn 10%. Minkejja dan, Malta kienet wieħed mill-ftit pajjiżi li naqqsu r-rata b'aktar minn 5% f'dawn l-aħħar snin, u b'mod konsistenti kienet qed tirreġistra tnaqqis f'dawn l-aħħar 10 snin.[1]

[1] Kunsill, E. (2019). Rakkomandazzjoni dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel. Rapport Finali 2019. *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*





Ir-rata tal-ELET ta' Malta bħalissa hija ta' 10.1% għall-2022, u għandha l-għan li tilħaq il-mira tal-UE ta' 9% (jew inqas) sal-2030. (Eurostat, 2023).[2]

Dan huwa konformi mar-riċerka nazzjonali u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Ewropew li jindirizzaw direttament il-miri tal-ELET ET2030 għas-suċċess fl-iskejjel.[3] Għalhekk, din l-istrateġija għandha l-għan li tikkonsolida u tiżviluppa azzjonijiet strateġiċi li jkomplu jimmiraw lejn it-tnaqqis tal-ELET f'Malta billi jiġu żviluppati azzjonijiet strateġiċi ta' prevenzjoni, intervent u kumpens ibbażati fuq ir-riċerka għall-istudenti li huma l-aktar fir-riskju tal-ELET (figura 3). Peress li din l-istrateġija ġiet żviluppata permezz ta' rakkomandazzjonijiet tal-UE u permezz ta' diversi proġetti ta' riċerka nazzjonali, din għandha l-għan mhux biss li timmonitorja l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet strateġiċi permezz tal-ELETU, iżda wkoll li ssegwi u żżomm kuntatt mal-partijiet interessati involuti direttament fl-implimentazzjoni ta' kull azzjoni strateġika. Konsegwentement, l-ELETU se taħdem direttament mal-partijiet interessati kollha sabiex tiżgura l-monitoraġġ u l-implimentazzjoni ta' kull pilastru strateġiku.

F'konformità mal-Istrateġija Edukattiva Nazzjonali, 2024–2030,[4] u mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 4,[5] l-objettivi ta' din l-istrateġija huma murija fil-Figura 3. Dawn jallinjaw maż-żewġ għanijiet ġenerali ewlenin:

a. L-iżvilupp ta' Sistema ta' Twissija Bikrija (EWS) għall-monitoraġġ u l-indirizzar tal-indikaturi tar-riskju tal-ELET

b. It-trawwim ta' approċċ ta' skola sħiħa (WSA) biex jiġi indirizzat l-ELET

[2] Ir-rata tal-ELET hija ppubblikata fuq bażi annwali fil-livell Ewropew mill-Eurostat. L-NSO jipprovdi d-data għal din ir-rata permezz tal-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol fuq bażi trimestrali.

[3] https://www.consilium.europa.eu/media/60390/st14981-en22.pdf

[4] pdf Il-Qafas Edukattiv bħalissa qed jiġi żviluppat permezz ta' diversi konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati (inklużi l-edukaturi, il-ġenituri, l-istudenti) u mistenni li jiġi ppubblikat fl-2024.

[5] UNESCO-UIS. (2018). Quick Guide to Education Indicator for SDG4. Disponibbli fuq: http://www.arabcampaignforeducation.org/functions.php?action=files&table=files&ID=441

**Figura 3 Għanijiet u Objettivi tal-Istrateġija — L-Indirizzar ta' studenti f'riskju tal-ELET**

## Tiġi żgurata edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u ekwa, u jiġu promossi opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd - SDG4

1. Jiġu riveduti u żviluppati strateġiji biex jitnaqqas ir-riskju tal-ELET permezz ta' koordinazzjoni ma' diversi partijiet interessati. Tiġi stabbilita sistema ta' twissija bikrija biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-indikaturi tar-riskju tal-ELET

2. Jiġu żviluppati opportunitajiet ekwi u ta' tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd billi jitrawwem approċċ ta' skola sħiħa (WSA) biex jiġi indirizzat l-ELET permezz tal-politika, ir-riċerka u l-prattika.

3. Tiġi żgurata edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità billi jiġu żviluppati kapaċitajiet u aġenziji għall-istudenti, il-ġenituri, it-tuturi u l-edukaturi kollha.

4. Jiġu implimentati opportunitajiet soċjalment ġusti biex iżidu l-kisbiet tal-istudenti, iż-żamma tagħhom u jiġi indirizzat l-iżvantaġġ edukattiv





# 2. DESKRIZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA GĦALL-PILASTRI TA' PREVENZJONI, INTERVENT U KUMPENS

**Figura 4 15-il azzjoni strateġika biex jitnaqqas l-ELET f'Malta**

### AZZJONIJIET STRATEĠIĊI EWLENIN:

**AZZJONIJIET STRATEĠIĊI TA' PREVENZJONI**

**AZZJONIJIET STRATEĠIĊI TA' INTERVENT**

**AZZJONIJIET STRATEĠIĊI TA' KUMPENS**



ELET **IT-TRIQ 'IL QUDDIEM** 2023–2030

A1. Tħaddim ta' approċċ ta' skola sħiħa għall-involviment tal-ġenituri

A2. Allokazzjoni ta' fondi u ħtiġijiet oħra ta' tagħlim skont l-iskola u l-fatturi ta' riskju tal-ELET fil-kuntest soċjali taż-żona

A3. L-Indirizzar ta' miżuri ta' aċċess għal-litteriżmu għall-familji bi status soċjoekonomiku baxx (SES) u studenti oħra li juru sinjali ta' indikaturi tar-riskju tal-ELET

A4. Estensjoni tal-Iskema ta' Childcare Mingħajr Ħlas (FCS) għat-tfal kollha

A5. L-Indirizzar ta' aspirazzjonijiet għal studenti f'riskju tal-ELET

B1. Monitoraġġ, reviżjoni, segwitu u intervent fil-progress tal-azzjonijiet strateġiċi

B2. Żieda fl-istruzzjoni tal-qari fl-iskejjel

B3. Tħaddim ta' approċċ ta' skola sħiħa biex jiġu indirizzati l-fatturi ta' riskju tal-ELET (kisbiet, imġiba, assenteiżmu kroniku, diżabilità, impenn, u kwistjonijiet tal-familja)

B4. Eliminazzjoni tal-ostakli fl-eżamijiet għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC)

B5. Ħidma f'konformità mal-istrateġiji ta' inklużjoni

C1. Reviżjoni tal-istrateġiji postsekondarji għaż-żamma tal-istudenti u l-kisbiet tagħhom

C2. Żieda fir-reġistrazzjoni u fiż-żamma tal-istudenti fl-edukazzjoni postobbligatorja

C3. Intraċċar u monitoraġġ b'mod olistiku tal-istudenti li juru fatturi ta' riskju għoli tal-ELET, jiġifieri, assenteiżmu kroniku, kisbiet baxxi, impenn baxx, u diżabilità/diffikultajiet fit-tagħlim

C4. It-tagħlim isir aktar aċċessibbli għal kulħadd

C5. Il-ħsieb mill-ġdid u l-iżvilupp ta' strateġija għal edukazzjoni li tagħti ċans ieħor

# 3. STRATEĠIJA TAL-ELET: L-AZZJONIJIET STRATEĠIĊI DESKRITTI FIL-QOSOR

Din l-istrateġija ssemmi ħmistax-il azzjoni strateġika, ħamsa għal kull pilastru, żviluppati permezz ta' proġetti ta' riċerka deskritti hawn fuq. L-ELETU fi ħdan id-Direttorat għar-Riċerka, it-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabbiltà (DRLLE) se tirrevedi l-iżvilupp tal-azzjonijiet strateġiċi msemmija hawn taħt kull sena permezz ta' rapport ta' implimentazzjoni billi tikkonsulta regolarment ma' kull parti interessata involuta. Konsegwentement, l-ELETU tista' tkompli tiżviluppa l-istrateġiji ta' hawn taħt permezz ta' feedback annwali miksub mid-diversi partijiet interessati sabiex tiżgura l-progress u t-tlestija ta' kull miżura strateġika. L-istudenti f'riskju tal-ELET jistgħu jiġu identifikati permezz ta' għadd ta' indikaturi, kif muri fil-Figura 5. Dawn l-indikaturi huma l-bażi tal-iżvilupp tal-azzjonijiet ta' prevenzjoni, intervent u kumpens fi ħdan din l-istrateġija.

Huwa rrakkomandat li dawn l-indikaturi tal-ELET jitqiesu f'kuntest edukattiv u familjari usa'. Pereżempju, "Assenteiżmu kroniku" jista' jindika wkoll "Sitwazzjonijiet kroniċi ta' saħħa", għalkemm mhux esklussivi għalih. Barra minn hekk, aħna nirrimarkaw li d-disturbi tas-saħħa fiżika u mentali huma inklużi taħt "Diżabilità" u "Imġiba u Benesseri" għall-iskop ta' identifikazzjoni bikrija tal-fatturi ta' riskju. L-imġiba ta' bullying (jew tal-vittmi) u l-abbuż tas-sustanzi jew tal-alkoħol huma inklużi taħt il-fattur ta' riskju ta' "Imġiba u Benesseri".

"Żvantaġġ tal-familja" jinkludi żvantaġġ soċjoekonomiku, qgħad, dħul disponibbli baxx, problemi ta' relazzjoni sinifikanti inkluża l-vjolenza domestika, familja b'ġenitur wieħed b'persuna waħda jew aktar b'diżabilità (fiżika jew mentali); familji migranti; tfal taħt kura; membri tal-familja li jbatu minn problemi ta' dipendenza (alkoħol, abbuż ta' sustanzi, logħob tal-azzard, żvantaġġ soċjali u kulturali), u membri tal-familja f'faċilitajiet korrettivi, fost ċirkustanzi oħra. Barra minn hekk, jista' jingħad li l-kwistjonijiet ta' "ġeneru" u "saħħa" għandhom irwol kruċjali f'kull fattur ta' riskju tal-ELET deskritt fil-Figura 5. Konsegwentement, nirrakkomandaw li dawn l-indikaturi jintużaw bħala indikazzjoni wiesgħa iżda ma jeskludux fatturi oħra ta' riskju li jistgħu jitfaċċaw.

Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li aktar minn indikatur tar-riskju wieħed jista' jkun preżenti fl-istess tifel/tifla u/jew fi żminijiet differenti matul is-snin skolastiċi. Assessjar perjodiku ta' studenti f'riskju u segwitu intensiv b'riferiment u/jew interventi xierqa fi ħdan is-sistema edukattiva huma għalhekk ġustifikati u meħtieġa. Il-familja tista' teħtieġ ukoll li tiġi appoġġata b'interventi ta' assistenza soċjali.





Figura 5 Indikaturi tar-riskju tal-ELET[1]




[1] F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Ewropew li jindirizzaw direttament il-perkorsi fil-mira ELET ET2030 għas-suċċess fl-iskejjel, dawn l-indikaturi jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' appoġġ għall-benesseri tal-istudenti, il-familji u l-edukaturi u jitqiesu f'kuntest usa' biex jiġu mmirati l-ħtiġijiet individwali u l-gruppi ta' minoranza f'riskju tal-ELET. https://www.consilium.europa.eu/ media/60390/st14981-en22.pdf

# 3.1 AZZJONIJIET STRATEĠIĊI TA' PREVENZJONI

Il-PREVENZJONI *tista' tinkludi kwalunkwe attività mfassla biex tipprevjeni r-riskju tal-ELET, u tista' tinkludi miżuri mifruxa mas-sistema kollha jew mal-iskola kollha (eż. żieda fl-impenn u l-proviżjoni ta' mogħdijiet alternattivi), kif ukoll miżuri mmirati mfassla biex jirrimedjaw għall-iżvilupp edukattiv f'età bikrija (eż. xi wħud mill-inizjattivi pprovduti lil familji b'livell baxx ta' SES fiċ-ċentri tal-LEAP). Il-miżuri preventivi spiss jiffukaw fuq l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-karatteristiċi strutturali tas-sistema edukattiva. Madankollu, dawn jistgħu jinkludu wkoll sistemi ta' eżami (eż. it-twessigħ tal-aċċess għall-istudenti b'diżabilità jew b'insuffiċjenza, jitħalla l-użu ta' dizzjunarji bilingwi għall-istudenti migranti, enfasi akbar fuq assessjar kontinwu jew assessjar prattiku). F'Malta, l-introduzzjoni tal-FCS u ċ-Ċertifikat Applikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEAC) huma eżempji ta' miżuri preventivi mifruxa mas-sistema kollha għall-ġlieda kontra l-ELET, bħalma huma l-arranġamenti ta' aċċess għal studenti b'ċerti diżabilitajiet offruti mill-Bord tal-Eżamijiet tal-Matrikola u taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (MATSEC).*[1]

## MIŻURI STRATEĠIĊI

- A1. Tħaddim ta' approċċ ta' skola sħiħa għall-involviment tal-ġenituri
- A2. Allokazzjoni ta' fondi u ħtiġijiet oħra ta' tagħlim skont l-iskola u l-fatturi ta' riskju tal-ELET fil-kuntest soċjali taż-żona
- A3. L-Indirizzar ta' miżuri ta' aċċess għal-litteriżmu għall-familji b'SES u studenti oħra li juru sinjali ta' indikaturi tar-riskju tal-ELET
- A4. Estensjoni tal-Iskema ta' Childcare mingħajr ħlas (FCS) għat-tfal kollha
- A5. L-Indirizzar ta' aspirazzjonijiet għal studenti f'riskju tal-ELET

[1] ESLU, MFED. (2019). Centralised Monitoring and Early Identification of Students at Risk of Early School Leaving (ESL): Approaches to ESL prevention. (Il-proġett ġie kkummissjonat mis-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali (SRSS) tal-Kummissjoni Ewropea u ngħata lill-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Evalwazzjoni tal-Kisbiet Edukattivi (IEA). Ir-rapport attwali nkiteb minn Dr. Eemer Eivers f'isem l-IEA, p. 6.)



ELET IT-TRIQ 'IL QUDDIEM 2023–2030



# Miżura ta' Prevenzjoni 1

## A1. Tħaddim ta' Approċċ ta' Skola Sħiħa għall-Involviment tal-Ġenituri

***RCM 7.*** [1] ***Jeħtieġ li l-iskejjel jinvolvu aktar lill-ġenituri fl-edukazzjoni ta' wliedhom. Idealment, il-miżuri għat-titjib tal-involviment għandhom jiffurmaw parti minn approċċ ta' skola sħiħa biex jiġi mmirat l-ESL. Il-MEYR għandu jintroduċi programm biex jiffaċilita l-involviment tal-ġenituri fl-iskejjel fejn għadd kbir ta' studenti huma f'riskju ta' livell baxx ta' kisbiet/tal-ESL. Mudell bħall-Iskema Home, School Community Liasion (HSCL) jindirizza ħafna min-nuqqasijiet fil-provvista attwali u għalhekk għandu jiġi kkunsidrat għall-introduzzjoni f'Malta.***

***RCM 10. Idealment, il-Programm tal-Iskejjel bħala Spazji ta' Tagħlim fil-Komunità jkun integrat ma' inizjattivi żviluppati bħala parti minn approċċ usa' ta' rabta bejn id-dar u l-iskola.***

A1. Approċċ li jeħtieġ li jissaħħaħ f'Malta huwa l-inizjattivi ta' skola sħiħa, inizjattivi kumpensatorji u inizjattivi mifruxa mas-sistema kollha. Filwaqt li l-MEYR japprova approċċi ta' skola sħiħa għall-indirizzar tal-ELET, il-perspettiva tal-kuntrattur u ħafna partijiet interessati intervistati matul il-proġett SRSS hija li hemm ftit evidenza tat-tħaddim ta' approċċi ta' skola sħiħa fl-iskejjel jew kulleġġi. L-introduzzjoni ta' approċċ ta' skola sħiħa għall-prevenzjoni tal-ELET u t-titjib tal-impenn tal-istudenti b'mod aktar ġenerali hija t-triq 'il quddiem, kif ukoll inizjattivi speċifiċi mmirati lejn l-impenn u l-involviment tal-ġenituri. Fil-każ ta' skejjel b'għadd relattivament għoli ta' studenti f'riskju, l-appoġġ għandu jinkludi, fost fatturi oħra, il-faċilitazzjoni tal-involviment tal-ġenituri fit-tagħlim tat-tfal tagħhom kif ukoll appoġġ lill-edukaturi biex jiżviluppaw prattiki ta' involviment tal-ġenituri u jimminimizzaw il-fatturi ta' riskju tal-ELET.

Huwa magħruf sew li l-involviment tal-ġenituri fl-edukazzjoni ta' wliedhom jista' jkollu effetti pożittivi kemm fuq il-kisbiet kif ukoll fuq l-imġiba tal-istudenti, li t-tnejn huma assoċjati b'mod qawwi mar-riskju tal-ELET (eż. Desforges u Abouchaar, 2003; Goodall, 2017). Tabilħaqq, l-analiżi ta' Desforges u Abouchaar (2003) tissuġġerixxi li l-varjazzjonijiet fl-impenn tal-ġenituri fil-livell primarju għandhom effett aktar qawwi fuq il-kisbiet u l-imġiba mill-varjazzjonijiet fil-kwalità tal-

[1] RCM, Referenza għar-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mill-proġett SRSS. DOI: 10.13140/RG.2.2.13337.44641





iskola. L-impenn tal-ġenituri huwa wkoll mod effettiv biex jitnaqqsu l-lakuni fil-kisbiet assoċjati mad-differenzi soċjoekonomiċi (Goodall, 2017).[2]

### Azzjonijiet strateġiċi fuq medda qasira ta' żmien:

- Evalwazzjoni ta' programmi ta' impenn tal-ġenituri barranin li huma mmirati lejn studenti f'riskju tal-ELET barra mill-pajjiż, inkluż l-HSCL fl-Irlanda.
- L-iżvilupp ta' programm pilota ta' approċċ ta' skola sħiħa li jimmira lejn l-impenn tal-ġenituri filwaqt li jibni wkoll rabta bejn l-iskola u d-dar, b'mod partikolari fl-oqsma tal-SES u f'oqsma oħra assoċjati ma' prevalenza għolja ta' indikaturi tar-riskju tal-ELET.
- L-ingaġġ ta' koordinaturi jew uffiċjali full-time għal proġett pilota biex jikkollaboraw mal-ELETU, mal-ġenituri, mal-partijiet interessati tal-iskola, u timijiet psikosoċjali fir-rigward ta' fondi nazzjonali u internazzjonali.

### Azzjonijiet strateġiċi fuq medda medja ta' żmien:

- L-introduzzjoni ta' proġett pilota fi 2-4 skejjel li juża fondi nazzjonali jew tal-UE li jappoġġa approċċ ta' skola sħiħa għall-impenn tal-ġenituri.
- L-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika għal approċċ ta' skola sħiħa li jimmira lejn l-impenn tal-ġenituri, b'mod partikolari l-familji b'SES u studenti oħra li juru sinjali ta' indikaturi tar-riskju tal-ELET, kif ukoll rekwiżiti nazzjonali, u analiżi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ.

### Azzjonijiet strateġiċi fit-tul:

- Evalwazzjoni tal-proġett pilota.
- L-iżvilupp ta' strateġija ta' impenn tal-ġenituri li timmira lejn approċċ ta' skola sħiħa għall-impenn tal-ġenituri.
- It-tixrid tal-istrateġija fuq livell nazzjonali.

## Il-Partijiet Interessati ewlenin flimkien mal-ELETU:

**DRLLE, MLU, NSSS u Partijiet Interessati tal-Iskola, MAPSSS**

[2] ESLU, MFED. (2019). Centralised Monitoring and Early Identification of Students at Risk of Early School Leaving (ESL): Approaches to ESL prevention. (Il-proġett ġie kkummissjonat mis-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali (SRSS) tal-Kummissjoni Ewropea u ngħata lill-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Evalwazzjoni tal-Kisbiet Edukattivi (IEA). Ir-rapport ġie miktub minn Dr. Eemer Eivers.)

# Miżura ta' Prevenzjoni 2

## A2. Alokkazzjoni ta' Fondi u Ħtiġijiet Oħra ta' Tagħlim skont l-iskola u l-Fatturi ta' Riskju tal-ELET fil-Kuntest Soċjali taż-Żona

***RCM 4. Il-MEYR għandu jkompli jqis il-kuntest soċjali tal-iskola fl-allokazzjoni tal-fondi lill-iskejjel. Minħabba l-impatt sostanzjali tal-kuntest soċjali fl-iskejjel Maltin, għandhom ikunu disponibbli fondi addizzjonali sinifikanti għall-iskejjel b'perċentwal għoli ta' studenti minn sfond ta' SES baxx.***

***RCM 22. Għandu jiġi kkunsidrat l-iżvilupp mill-NSO ta' miżura ta' deprivazzjoni bbażata fuq iż-żona. Dan jista' jipprovdi bażi ta' evidenza għal finanzjament u interventi mmirati, filwaqt li jassisti fl-offerti għall-finanzjament fil-livell nazzjonali u tal-UE.***

A2. Il-finanzjament ta' proġetti u ħtiġijiet oħra ta' tagħlim, inklużi r-riżorsi, jista' jistimula l-interess u t-tagħlim fl-istudenti f'riskju ta' tluq bikri mill-iskola. F'xi pajjiżi, l-awtoritajiet ċentrali ma jintraċċawx kif jintuża l-finanzjament addizzjonali peress li huwa fid-diskrezzjoni tal-iskejjel li jiddeċiedu kif l-aħjar jużaw il-fondi addizzjonali. Kif indikat fil-proġett SRSS, il-Grupp ta' Ħidma ET2020 tal-Kummissjoni Ewropea (2015) jiddeskrivi li l-approċċi ta' skola sħiħa għall-ELET jinvolvu l-persunal kollu tal-iskola u l-membri kollha tal-komunità usa' tal-iskejjel (jiġifieri l-ġenituri, is-servizzi soċjali, partijiet interessati oħra, u l-komunità usa'). Barra minn hekk, l-organizzazzjoni tal-provvista tista' tkun differenti minn dik fi skejjel bi ftit studenti li jeħtieġu appoġġ. Pereżempju, l-enfasi tinbidel minn student individwali li jirċievi appoġġ fit-tul għal indirizzar intensiv tal-istudenti fis-snin bikrin u ristrutturar fl-iskola kollha tat-tagħlim tal-ħiliet ewlenin. Dan jista' jeħtieġ fondi addizzjonali għal skejjel bi ħtieġa għolja. Ir-Rakkomandazzjoni 4 li toħroġ mill-proġett SRSS tissuġġerixxi li l-MEYR għandu jqis il-kuntest soċjali tal-iskola fl-allokazzjoni tal-fondi lill-iskejjel.

Minħabba l-effett sostanzjali tal-kuntest soċjali evidenti fl-iskejjel Maltin, qed jiġi propost li fondi addizzjonali sinifikanti għandhom ikunu disponibbli għall-iskejjel b'perċentwal għoli ta' studenti minn sfond b'SES baxx u studenti oħra li juru sinjali ta' indikaturi tar-riskju tal-ELET. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni 22 tipproponi li għandu jitqies l-iżvilupp mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ta' miżura ta' deprivazzjoni bbażata fuq iż-żona li tista' tipprovdi bażi ta' evidenza għal finanzjament u interventi mmirati, filwaqt li tassisti f'offerti għal finanzjament fil-livell nazzjonali u tal-UE.[1]





**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda qasira ta' żmien:**

- Kollaborazzjoni mal-NSSS u man-Network tal-Kapijiet ta' Kulleġġ (HCN) fir-rigward tal-Iskema 9 sabiex jiġi żgurat li studenti li huma fil-bżonn qed jiġu appoġġati.
- L-iżvilupp ta' sistema ta' komunikazzjoni mal-HCNs u l-Bord ta' Reviżjoni tal-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu (NCF) sabiex jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni tal-ELET li jimmira lejn il-fatturi ta' riskju tal-ELET fl-iskejjel u fondi addizzjonali u/jew għajnuna meħtieġa għall-appoġġ tal-iskema 9 u skemi oħra, inklużi dawk ta' tagħlim li jimmiraw lejn studenti żvantaġġati.
- Sensibilizzazzjoni mal-partijiet interessati tal-iskejjel biex tiġi żgurata ż-żamma tal-istudenti l-aktar fir-riskju (eż. nurture groups, żoni ta' tagħlim, komplementari, Programm ta' Kurrikulu Ewlieni (CCP), ċentri ta' tagħlim, hub tal-edukazzjoni, u t-Taqsima tat-Tagħlim tal-Migranti).

**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda medja ta' żmien:**

- Kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol (MFE), il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal (MSPC) u l-MEYR rigward il-fondi, il-proposta tal-baġit, u l-kondiviżjoni tad-data.
- Kollaborazzjoni mal-partijiet interessati fir-rigward tal-istudenti li huma l-aktar f'riskju biex jiżviluppaw pjan ta' azzjoni mmirat lejn ir-riskji imminenti u l-bidliet meħtieġa.

**Azzjonijiet strateġiċi fit-tul:**

- Reviżjoni ta' miżuri mal-NCF, l-HCNs u l-NSSS biex jiġu identifikati u proposti l-bidliet meħtieġa sabiex jiġu minimizzati l-fatturi ta' riskju tal-ELET sabiex jiżdiedu prattiki inklużivi.

**Il-Partijiet Interessati ewlenin flimkien mal-ELETU:**

**MFE, MEYR, MSPC, HCNs, NSSS, NSO, MLU, DLAP, NCF**

[1] ELETU, MFED. (2019). Centralised Monitoring and Early Identification of Students at Risk of Early School Leaving (ESL): Approaches to ESL prevention. (Il-proġett ġie kkummissjonat mis-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali (SRSS) tal-Kummissjoni Ewropea u ngħata lill-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Evalwazzjoni tal-Kisbiet Edukattivi (IEA). Ir-rapport ġie miktub minn Dr. Eemer Eivers.)

# Miżura ta' Prevenzjoni 3

**A3. L-Indirizzar ta' Miżuri ta' Aċċess għal-Litteriżmu għall-Familji b'SES u Studenti Oħra li Juru Sinjali ta' Indikaturi tar-Riskju tal-ELET**

***RCM 8. Il-MEYR għandu jkompli jaħdem mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (NLA) dwar miżuri mmirati biex jittejjeb l-aċċess għall-kotba għal tfal minn familji bi dħul baxx/edukazzjoni baxxa kemm jista' jkun kmieni fil-ħajja tat-tfal. L-espansjoni tal-Iskema tal-Home Libraries għal aktar familji hija għażla waħda, supplimentata b'distribuzzjoni mmirata u b'appoġġ minn sorsi oħra. L-għażliet jistgħu jinkludu inizjattiva kkombinata mal-MSPC, immirata lejn il-ġenituri tal-minuri.***

A3. L-impenn tal-ġenituri huwa meqjus bħala element kruċjali fil-kontribut tiegħu għall-edukazzjoni. Żieda fil-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u l-korsijiet ġodda tal-ġenituri organizzati mill-Istitut għall-Edukazzjoni huma evidenza li l-ġenituri issa huma meqjusa bħala partijiet interessati strateġiċi ewlenin fit-tentattiv biex jinżamm l-impenn. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu żviluppat għadd ta' programmi li jinvolvu kemm studenti kif ukoll tuturi fil-programmi ta' wara l-iskola, li l-għan ewlieni tagħhom huwa li jippromwovu l-interess fil-kotba fost it-tfal permezz tal-involviment tal-ġenituri. Il-litteriżmu u t-tagħlim m'għandhomx ikunu mxekkla minn differenzi soċjoekonomiċi, kulturali, razzjali, etniċi, reliġjużi, tal-ġeneru u sesswali. Filwaqt li jirrikonoxxi li fatturi barra mill-iskola bħall-faqar u l-esklużjoni soċjali jaffettwaw il-kisbiet tal-istudenti, il-MEYR ifittex li jtejjeb l-esperjenzi tat-tagħlim tal-istudenti billi jinkoraġġixxi l-kreattività, il-litteriżmu kritiku, l-intraprenditorija, u l-innovazzjoni fil-livelli kollha.

L-oqsma ta' prijorità hawnhekk huma t-tnaqqis tad-differenzi fir-riżultati edukattivi bejn is-subien u l-bniet u bejn l-istudenti li jattendu skejjel differenti, filwaqt li jitnaqqas in-numru ta' studenti b'livell baxx, tiżdied il-kwalità fil-litteriżmu, in-numeriżmu, u l-kompetenza fix-xjenza u t-teknoloġija, u jiżdiedu l-kisbiet tal-istudenti. L-appoġġ huwa mmirat aktar għall-kisba edukattiva tat-tfal f'riskju ta' faqar u tat-tfal bi status soċjoekonomiku baxx billi titnaqqas l-inċidenza relattivament għolja tal-ELET.





**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda qasira ta' żmien:**

- Żvilupp ta' pjan ta' azzjoni mal-NLA b'rabta mal-politiki, il-programmi tagħhom u l-ELET.

**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda medja ta' żmien:**

- Promozzjoni tal-programmi tal-NLA, b'mod partikolari dawk li jimmiraw lejn l-SES u l-intervent fil-qari bikri, bħall-irkupru tal-qari fuq livell nazzjonali.

**Azzjonijiet strateġiċi fit-tul:**

- Introduzzjoni ta' kotba permezz ta' sessjonijiet ta' qabel it-twelid, fit-twelid (mogħtija bħala rigali lill-ommijiet), u fil-Well Baby Clinics.

- Provvista ta' apparat diġitali u għodod oħra għall-istudenti fl-edukazzjoni obbligatorja biex jiżdied l-aċċess diġitali għall-istudenti kollha.

## Il-Partijiet Interessati ewlenin flimkien mal-ELETU:

**NLA, MFH, DLAP u DLTS**

# Miżura ta' Prevenzjoni 4

## A4. FCS mingħajr Ħlas għat-Tfal Kollha

***RCM 1. Bi qbil mal-MFE, il-MEYR għandu jkompli jestendi l-FCS biex jippermetti aċċess għat-tfal kollha fi ħdan iil-medda ta' eta' mmirata. L-eliġibbiltà m'għandhiex tkun ristretta għal tfal li l-ġenituri tagħhom huma fl-impjieg jew fl-edukazzjoni peress li dan jipprevjeni l-aċċess għal ħafna minn dawk l-aktar fil-bżonn u li x'aktarx jibbenefikaw mill-FCS.***

A4. L-importanza ta' servizzi ta' kwalità għal childcare li jistabbilixxi l-pedamenti għall-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-karattru tat-tfal hija prijorità ewlenija.[1] Iċ-ċentri taċ-childcare joffru servizzi personalizzati u kura ta' kwalità lit-tfal kollha, speċjalment lit-tfal f'riskju ta' esklużjoni soċjali. L-attivitajiet f'dawn iċ-ċentri jimmiraw lejn l-oqsma kollha tal-iżvilupp tat-tfal, inklużi l-aspetti soċjali, emozzjonali, fiżiċi, intellettwali, komunikattivi u kreattivi. Il-professjonisti impjegati huma mħarrġa biex jimmassimizzaw l-involviment f'ambjent sikur u pjaċevoli, filwaqt li joffru programmi varjati ta' kuljum li jinkludu attivitajiet stimulanti ta' logħob.[2]

Madankollu, it-tfal li l-ġenituri tagħhom mhumiex attivi b'mod soċjoekonomiku jew fl-edukattiv, huma esklużi mill-Iskema ta' Childcare Mingħajr Ħlas, u għandhom inqas sigħat ta' aċċess għal Klabb 3–16 u SkolaSajf, minkejja li l-aktar jeħtieġu appoġġ addizzjonali. Ir-rakkomandazzjoni 1 li ħarġet mill-proġett SRSS tipproponi li l-MEYR għandu jestendi l-FCS biex jippermetti aċċess għat-tfal kollha fi ħdan il-medda ta' età mmirata. Huwa ssuġġerit ukoll li l-eliġibbiltà m'għandhiex tkun ristretta għat-tfal li l-ġenituri tagħhom huma f'impjieg jew edukazzjoni peress li dan jipprevjeni l-aċċess għal ħafna minn dawk l-aktar fil-bżonn u li x'aktarx jibbenefikaw mill-FCS. Il-MEYR għandu jkompli jikkollabora mal-MFE, id-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni (DQSE) u l-FES sabiex ikompli jiżviluppa l-Iskema ta' Childcare Mingħajr Ħlas.

[1] Irreferi għad-diversi studji lokali u tal-UE ta' EY: https://doi.org/10.1080/1350293X.2020.1755488; http://www.seepro.eu/English/Home.htm

[2] ESLU, MFED. (2019). Centralised Monitoring and Early Identification of Students at Risk of Early School Leaving (ESL): Approaches to ESL prevention. (Il-proġett ġie kkummissjonat mis-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali (SRSS) tal-Kummissjoni Ewropea u ngħata lill-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Evalwazzjoni tal-Kisbiet Edukattivi (IEA). Ir-rapport ġie miktub minn Dr. Eemer Eivers.)





F'Malta, l-introduzzjoni tal-Iskema ta' Childcare Mingħajr Ħlas hija eżempju ta' miżuri preventivi fis-sistema kollha għall-ġlieda kontra l-ELET, u għalhekk, għandha tiġi estiża għat-tfal kollha fil-grupp ta' età mmirat.

**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda qasira ta' żmien:**

- Kollaborazzjoni ma' JobsPlus, jiġifieri l-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES).
- Kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol (MFE) u l-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda medja ta' żmien:**

- Kollaborazzjoni mal-provvista nazzjonali taċ-childcare, mal-aġenzija tal-litteriżmu u ma' aġenziji oħra li jistgħu jipprovdu programmi ta' involviment tat-tfal u tal-ġenituri biex tissaħħaħ rabta akbar bejn it-tfal u l-ġenituri, kif ukoll il-ġenituri u l-istituzzjonijiet edukattivi.
- L-iżgurar ta' tagħlim iċċentrat fuq it-tfal permezz ta' pedagoġiji innovattivi.

**Azzjonijiet strateġiċi fit-tul:**

- Talba għal proposta tal-baġit.
- Permezz ta' kollaborazzjoni mad-DQSE titwettaq riċerka dwar il-kwalità taċ-childcare f'Malta biex jiġi żgurat li l-istudent ikun fiċ-ċentru tal-programm tat-tagħlim li jżomm lit-tfal impenjati u kuntenti waqt li jkunu qed jitgħallmu.

**Il-Partijiet Interessati ewlenin flimkien mal-ELETU:**

**JobsPlus, MFE, DQSE u FES**

# Miżura ta' Prevenzjoni 5

## A5. L-Indirizzar ta' Aspirazzjonijiet għal- Studenti f'riskju tal-ELET

***RCM 19. Għandha tiġi kkunsidrata l-espansjoni tar-rwol ta' 'aċċess' fiċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Kottonera (CRC) biex jikkomplementa l-ħidma tiegħu fis-sensibilizzazzjoni tal-komunità. L-attivitajiet li jħeġġu r-rabtiet bejn l-Università ta' Malta u l-iskejjel b'ammont ta' dħul ta' studenti b'SES baxx għandhom jingħataw prijorità. Barra minn hekk, ilprovvista ta' attivitajiet fil-kampus biex l-istudenti jiffamiljarizzaw ruħhom mal-faċilitajiet u jkunu konxji tal-possibbiltajiet li jistgħu jirriżultaw mit-tlestija tal-iskola u mill-edukazzjoni ulterjuri għandhom jiffurmaw parti mir-rwol estiż.***

A5. Il-benefiċċji tal-indirizzar tal-aspirazzjonijiet għal studenti f'riskju tal-ELET huma estensivi u se jgħinu biex jittaffew l-aspirazzjonijiet limitati tipikament assoċjati mat-tfal li ġejjin minn sfond żvantaġġat. Dan jista' jsir billi jkun hemm kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet tat-tielet livell u partijiet interessati obbligatorji sabiex jiġu indirizzati l-ostakli fl-aċċess għall-edukazzjoni postobbligatorja u sabiex ikun hemm żieda fl-aspirazzjonijiet.[1]

Barra minn hekk, għadd ta' universitajiet Ewropej ħadu miżuri biex isiru University of Sanctuary.[2] Din l-inizjattiva tirrikonoxxi l-prattika tajba tal-universitajiet li jilqgħu lin-nies li jfittxu santwarju fil-komunitajiet tagħhom u jrawmu kultura ta' għarfien u inklużività. Dan jidħol f'network usa' tas-City of Sanctuary bbażat fuq il-prinċipju li l-università għandha tkun possibbiltà, irrispettivament mill-istorja personali. Simili għall-programmi ta' aċċess ġenerali, dan jaħdem biex jagħmel l-edukazzjoni ulterjuri aspirazzjoni vijabbli u b'hekk jgħin fl-impenn fl-edukazzjoni obbligatorja.

[1] ESLU, MFED. (2019). Centralised Monitoring and Early Identification of Students at Risk of Early School Leaving (ESL): Approaches to ESL prevention. (Il-proġett ġie kkummissjonat mis-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali (SRSS) tal-Kummissjoni Ewropea u ngħata lill- Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Evalwazzjoni tal-Kisbiet Edukattivi (IEA). Ir-rapport ġie miktub minn Dr. Eemer Eivers.)

[2] https://universities.cityofsanctuary.org





Minbarra s-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet li jħabbtu wiċċhom magħhom dawk li jfittxu l-ażil, l-għoti ta' aċċess għal faċilitajiet universitarji, u l-iffaċilitar ta' rabtiet ma' dawk li jimpjegaw, il-boroż ta' studju huma pprovduti wkoll għal studenti li jfittxu l-ażil. Minħabba l-istatus tagħhom, dawn l-istudenti jistgħu jkunu meħtieġa jħallsu miżati sostanzjali għat-tagħlim, u ma jkunux jistgħu jaċċessaw għotjiet jew stipendji għall-istudenti. L-universitajiet, permezz ta' programmi ta' aċċess jew permezz ta' sponsorizzazzjoni korporattiva, jipprovdu appoġġ finanzjarju u appoġġ ieħor biex jippermettu lil dawk li jfittxu ażil ikollhom aċċess għall-edukazzjoni tat-tielet livell. Għalhekk, il-MEYR u l-istituzzjonijiet tat-tielet livell għandhom jikkunsidraw kif jindirizzaw l-ostakli għall-aċċess għall-edukazzjoni tat-tielet livell li jħabbtu wiċċhom magħhom dawk li jfittxu l-ażil.

**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda medja ta' żmien:**

- Diskussjoni dwar strateġiji li jgħinu lit-tfal żvantaġġati jaspiraw aktar u biex jeliminaw l-ostakli fl-aċċess għall-edukazzjoni postobbligatorja ma' istituzzjonijiet tat-tielet livell, NSSS, CRC, HCNs u DLAP.

- Titjib fil-Kollaborazzjoni bejn l-għalliema tal-Iżvilupp Personali, Soċjali u tal-Karriera (PSCD) u t-taqsimiet ta' Gwida għall-Karriera biex jiffokaw fuq studenti f'riskju u jiżguraw li dawn jirċievu servizzi ta' gwida għall-karriera sabiex jiżviluppaw l-aspirazzjonijiet tagħhom. L-għan huwa li jiġi żgurat b'mod assolut li dawn it-tfal jiżviluppaw objettiv ta' karriera f'ħajjithom mill-aktar fis possibbli.

**Azzjonijiet strateġiċi fit-tul:**

- Twettiq ta' riċerka dwar l-aspirazzjonijiet u l-istudenti li jinsabu f'riskju tal-ELET sabiex jiġu ssuġġeriti r-rakkomandazzjonijiet.

**Il-Partijiet Interessati ewlenin flimkien mal-ELETU:**

**UOM, MCAST, NSSS, ĠEM16+, MLU, DLAP u gruppi ta' ħidma fl-edukazzjoni obbligatorja**

# 3.2 AZZJONIJIET STRATEĠIĊI TA' INTERVENT

L-INTERVENT *jinkludi miżuri biex tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni, kif ukoll miżuri li jipprovdu appoġġ immirat għall-istudenti f'riskju (eż. appoġġ addizzjonali għal studenti b'diffikultajiet fil-qari u kuntatt ma' familji fejn l-attendenza hija batuta). Miżuri mifruxa mal-iskola kollha huma diretti lejn l-istudenti kollha, iżda l-aktar lejn dawk f'riskju li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien, filwaqt li miżuri ffukati fuq l-istudenti huma bbażati fuq sistemi ta' twissija bikrija biex jappoġġaw studenti b'mod olistiku individwali. Il-monitoraġġ mill-qrib tal-attendenza tal-istudenti huwa eżempju ta' miżura mifruxa mal-iskola kollha li tikkontribwixxi għal aktar xogħol iffukat fuq l-istudenti mwettaq minn assistenti soċjali li jittrattaw ma' studenti indikati bħala f'riskju minħabba attendenza baxxa.*[1]

## MIŻURI STRATEĠIĊI

- B1. Monitoraġġ, reviżjoni, segwitu, u intervent fil-progress tal-azzjonijiet strateġiċi
- B2. Żieda fl-istruzzjoni tal-qari fl-iskejjel
- B3. Tħaddim ta' approċċ ta' skola sħiħa biex jiġu indirizzati l-fatturi ta' riskju tal-ELET
- B4. Eliminazzjoni tal-ostakli fl-eżamijiet tas-SEC
- B5. Ħidma f'konformità mal-politika u l-istrateġija tal-inklużjoni

[1] ESLU, MFED. (2019). Centralised Monitoring and Early Identification of Students at Risk of Early School Leaving (ESL): Approaches to ESL prevention. (Il-proġett ġie kkummissjonat mis-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali (SRSS) tal-Kummissjoni Ewropea u ngħata lill-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Evalwazzjoni tal-Kisbiet Edukattivi (IEA). Ir-rapport ġie miktub minn Dr. Eemer Eivers f'isem IEA, p. 7.)







# Miżura ta' Intervent 1

## B1. Monitoraġġ, Reviżjoni, Segwitu u Intervent fil-Progress tal-Azzjonijiet Strateġiċi

***RCM prinċipali. L-ELETU għandha tikkomunika mal-partijiet interessati kollha sabiex timmonitorja, tirrevedi, issegwi u tintervjeni fil-progress tal-azzjonijiet strateġiċi. Evalwazzjonijiet annwali huma rakkomandati sabiex tiġi riveduta kull azzjoni strateġika u jiġi żgurat l-iżvilupp fattibbli tagħha. Jeħtieġ li d-data meħtieġa tkun aċċessibbli għall-partijiet interessati fi ħdan l-ELETU sabiex timmonitorja u tintervjeni b'mod effettiv.***

B1. It-Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ huwa fenomenu orizzontali li jaqa' taħt il-kompetenza ta' diversi ministeri. Din l-istrateġija tissuġġerixxi approċċ komprensiv, wiesa', iżda wkoll koeżiv lejn l-indirizzar tal-kwistjoni tal-ELET f'Malta u tenfasizza l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri prinċipalment għall-ġbir tad-data, l-azzjonijiet strateġiċi u l-għoti ta' taħriġ. Il-ħidma bejn il-fruntieri u l-parametri strutturali u organizzattivi b'mod konġunt se tiżgura ambitu wiesa' tal-azzjoni, filwaqt li tiffoka wkoll fuq il-kisba ta' riżultati konkreti.

Din l-istrateġija tissuġġerixxi l-konsolidazzjoni tal-ELETU sabiex jiġu rieżaminati l-azzjonijiet strateġiċi li jipprovdu għal dawk li għandhom bejn 0 u 24 sena, u jiġu żviluppati programmi ta' sensibilizzazzjoni aktar fattibbli dwar l-ELET fi ħdan il-politika u l-prattika fl-iskejjel.





**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda qasira ta' żmien:**

- Tixrid tat-tieni strateġija tal-ELET mal-partijiet interessati kollha.
- L-iżvilupp tal-ELETU billi timpjega minimu ta' tliet impjegati full-time u numru ta' koordinaturi ta' kollegament fi ħdan l-iskejjel fi ħdan l-ELETU sabiex tirrevedi u tippromwovi b'mod effiċjenti l-implimentazzjoni tal-istrateġija.
- L-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni biex tkun żgurata skeda ta' żmien ċara għall-iżvilupp ta' azzjonijiet.
- Kollaborazzjoni mad-Direttorat għall-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni tal-Politika (PMED).

**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda medja ta' żmien:**

- Reviżjoni tal-progress ta' kull azzjoni permezz ta' koordinazzjoni mal-PMED u ma' partijiet interessati oħra marbuta ma' kull azzjoni strateġika.
- L-iżvilupp ta' proċess ta' ġbir ta' data aktar fattibbli fil-livell ta' politika permezz ta' kollaborazzjoni mat-Taqsima għall-Immaniġġjar tal-Informazzjoni (IMU) għal proġett ta' maħżen virtwali tad-data.

**Azzjonijiet strateġiċi fit-tul:**

- L-evalwazzjoni ta' kull azzjoni strateġika u l-iżvilupp ta' linji gwida fejn meħtieġ.
- Kollaborazzjoni mat-taqsima tar-riċerka u l-PMED fil-MEYR.
- L-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet għal strateġija aġġornata.

## Il-Partijiet Interessati ewlenin flimkien mal-ELETU:

**DRLLE, PMED**

# Miżura ta' Intervent 2

**B2. Żieda fl-Istruzzjoni tal-Qari fl-Iskejjel**

***RCM 3. Il-MEYR għandu jipprovdi lill-iskejjel primarji b'linji gwida ġodda u espliċiti dwar l-ammont minimu aċċettabbli ta' ħin li jrid jiġi allokat għat-tagħlim tal-qari u tal-lingwi. L-iskejjel kollha għandhom iqattgħu mill-inqas 90 minuta kuljum fuq tagħlim tal-lingwa u tal-qari. L-iskejjel b'ħafna studenti b'livell baxx ta' suċċess għandhom jikkunsidraw li jallokaw ħin addizzjonali għall-qari. Peress li l-linji gwida u l-prattika attwali dwar il-ħin minimu jvarjaw b'mod pjuttost sinifikanti, il-MEYR għandu jissorvelja l-aderenza tal-iskejjel mal-linji gwida l-ġodda.***

B2. Il-litteriżmu huwa bbażat fuq grupp ta' ħiliet ikkultivati li jservu bħala bażi għat-tagħlim, il-komunikazzjoni, l-użu tal-lingwa, u l-interazzjoni soċjali. Il-litteriżmu jvarja mill-kapaċità fundamentali li wieħed jaqra, jikteb, jisma' u jifhem, sa ħiliet ta' proċessar ta' livell ogħla, fejn l-istudenti jkunu jistgħu jiddeduċu, jinterpretaw, jimmonitorjaw, u jelaboraw dwar il-kwistjoni tat-tagħlim. Sa mill-wasla tal-midja diġitali, id-definizzjoni tal-litteriżmu kibret u mxiet 'il quddiem. Il-kisba tal-litteriżmu mhijiex biss il-pedament tar-responsabbiltà akkademika, iżda hija wkoll il-bażi għat-tagħlim futur u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà u fl-impjieg.

Dan jippermetti wkoll aċċess għal sorsi ta' għoti ta' setgħa personali, bħall-interazzjoni soċjali u l-attivitajiet kulturali. Il-litteriżmu huwa element ewlieni għas-suċċess fl-edukazzjoni u fuq il-post tax-xogħol. Il-korrelazzjoni bejn il-faqar u l-litteriżmu hija stabbilita sew. Il-Progress fl-Istudju Internazzjonali dwar il-Litteriżmu fil-Qari (PIRLS) juri wkoll li t-tfal minn status soċjoekonomiku baxx u minn sfond ta' migrazzjoni huma l-akbar grupp fost il-qarrejja batuti. Ir-Rapport tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (1996) jenfasizza l-irwol tal-litteriżmu fil-promozzjoni tal-kompetittività u l-impjiegi, id-demokrazija u l-koeżjoni soċjali, u fl-indirizzar tal-faqar.



ELET IT-TRIQ 'IL QUDDIEM 2023-2030

**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda qasira ta' żmien**

- Diskussjoni u eżami mal-partijiet interessati tas-sitwazzjoni attwali, u l-ħolqien ta' strateġija immedjata.
- Żvilupp ta' linji gwida speċifiċi għall-qari li jiffukaw fuq żieda fl-allokazzjoni tal-ħin tal-qari kuljum għat-tagħlim tal-lingwa u tal-qari fl-iskejjel.

**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda medja ta' żmien:**

- Implimentazzjoni tal-linji gwida għall-qari fl-iskejjel.
- Monitoraġġ tal-istruzzjoni tal-qari fl-iskejjel.

**Azzjonijiet strateġiċi fit-tul:**

- Evalwazzjoni tal-linji gwida u tal-istrateġija.

## Il-Partijiet Interessati ewlenin flimkien mal-ELETU:

**QAD, DLCA, NLA, EOs, HCNs, HoSs, EAU u DRLLE**

# Miżura ta' intervent 3

## B3. Tħaddim ta' Approċċ ta' Skola Sħiħa għall-Indirizzar tal-Fatturi tar-Riskju tal-ELET

**(kisba, imġiba, assenteiżmu kroniku, diżabilità, impenn u kwistjonijiet tal-familja)**

***RCM 6. L-attendenza għandha tiġi indirizzata bħala kwistjoni ta' skola sħiħa, u l-persunal kollu għandu jkun responsabbli għat-titjib tal-attendenza. Hemm bżonn ta' enfasi akbar fuq miżuri proattivi biex jittejbu r-rati ġenerali tal-iskola. Is-soluzzjonijiet għan-nuqqas ta' attendenza individwali għandhom ikunu mfassla u proporzjonati, u r-rikors għal għażliet legali jew punittivi għandu jkun l-aħħar rimedju, mhux l-ewwel soluzzjoni.***

***RCM 14. Minħabba n-numru mdaqqas ta' studenti migranti fl-iskejjel Maltin, u l-evidenza li studenti migranti f'Malta jistgħu ma jħossuhomx involuti fl-iskola daqs il-kontropartijiet Maltin tagħhom, l-iskejjel għandhom jikkunsidraw kif l-aħjar itejbu l-integrazzjoni tal-migranti.***

***RCM 17 Il-MEYR għandu jikkunsidra faċilità ta' tagħlim mill-bogħod jew imħallta għall-istudenti li jkollhom diffikultà jattendu skola ġenerali għal raġunijiet mhux relatati ma' diffikultajiet akkademiċi.***

B3. L-iskola hija attur ewlieni biex jiġi indirizzat it-tluq bikri mill-iskola; madankollu, ma tistax taħdem b'mod iżolat peress li hemm fatturi barra l-iskola li jinfluwenzaw il-livell ta' impenn u suċċess ta' student. Għalhekk, huwa meħtieġ "approċċ ta' skola sħiħa" għat-tluq bikri mill-iskola, fejn il-komunità skolastika kollha (jiġifieri l-mexxejja tal-iskejjel, il-persunal li jgħallmu u dawk li ma jgħallmux, l-istudenti, il-ġenituri, u l-familji) tinvolvi ruħha f'azzjoni koeżiva, kollettiva u kollaborattiva, b'kooperazzjoni b'saħħitha mal-partijiet interessati esterni u l-komunità inġenerali. Approċċ ta' skola sħiħa jippermetti lill-iskejjel jirrispondu b'mod adegwat għal sfidi ġodda u kumplessi li l-iskejjel qed jiffaċċjaw, marbuta mad-diversità li qed tiżdied fis-soċjetà. Tmexxija u governanza effettivi huma essenzjali. Huwa meħtieġ li tiġi promossa kultura pożittiva tal-iskola, ħidma f'tim, u prattiki kollaborattivi fi ħdan il-komunità tal-iskejjel. Jeħtieġ ukoll li l-atturi tal-iskejjel u l-partijiet interessati jingħaqdu flimkien biex jiġi żgurat is-suċċess edukattiv u jiġi evitat it-tluq bikri mill-iskola. Il-proċessi tal-iżvilupp u t-titjib tal-iskejjel għandhom jinkludu miri biex jindirizzaw il-fatturi sottostanti tat-tluq bikri mill-iskola. Barra minn hekk, dawn għandhom jinvolvu lill-komunità skolastika kollha, lill-partijiet interessati, lit-timijiet multiprofessjonali, lis-servizzi esterni lokali, lill-ġenituri u lill-familji. Jeħtieġ li jkun hemm impenn lejn l-investiment għall-iżvilupp professjonali kontinwu tal-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, u persunal ieħor tal-iskola b'enfasi fuq l-għarfien talproċessi tat-tluq bikri mill-iskola, u fuq il-kompetenzi u l-ħiliet meħtieġa biex jiġi indirizzat l-iżvantaġġ edukattiv u d-diżimpenn tal-istudenti. Jeħtieġ li jiġi żgurat li kull tifel u tifla, u żagħżugħ u żagħżugħa, jkollhom l-istess ċans li jaċċessaw, jipparteċipaw u jibbenefikaw minn edukazzjoni ta' kwalità għolja u inklużiva. L-involviment u l-kurrikulu rilevanti, flimkien ma' persunal iddedikat u ta' ispirazzjoni, huwa l-aktar mod effettiv biex jiġi evitat it-tluq bikri mill-iskola u l-esklużjoni soċjali. L-istudenti kollha u l-ħtiġijiet diversi tagħhom għandhom ikunu fiċ-ċentru tal-edukazzjoni. Huma għandhom ikunu atturi tat-tagħlim tagħhom stess, imdawra b'appoġġ u servizzi xierqa. L-iskola għandha toffri ambjent ta' kura, ta' stimolu u ta' tagħlim favorevoli, u tistabbilixxi aspettattivi għoljin għall-istudenti kollha biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. L-edukazzjoni hija responsabbiltà kondiviża — għandha tinbena fuq relazzjoni ta' fiduċja reċiproka u kooperazzjoni.

### Azzjonijiet strateġiċi fuq medda qasira ta' żmien:

- Żvilupp ta' pjan ta' azzjoni mal-HCNs, l-NSSS, l-MLU u l-kapijiet tal-iskola biex jiġi mmirat approċċ ta' skola sħiħa għall-fatturi ta' riskju tal-ELET permezz ta' diskussjonijiet iffukati fuq l-ELET u l-ġbir tad-data.

### Azzjonijiet strateġiċi fuq medda medja ta' żmien:

- Żvilupp ta' ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tad-data sabiex jiġu identifikati, immonitorjati, immirati u jkun hemm intervent fuq l-indikaturi tar-riskju tal-ELET.
- Evalwazzjoni tal-fattibbiltà u l-implimentazzjoni tat-tagħlim imħallat, speċifikament għat-tfal f'riskju tal-ELET minħabba mard fit-tul jew mard kroniku.
- Kollaborazzjoni mal-Istitut għall-Edukazzjoni (IFE) biex jippromwovi u jwassal sessjonijiet li jgħammru lill-għalliema bil-ħiliet meħtieġa biex jadottaw approċċ ta' skola sħiħa sabiex jiġu indirizzati l-fatturi ta' riskju tal-ELET.

### Azzjonijiet strateġiċi fit-tul:

- Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' strateġiji inklużivi fl-iskejjel u żvilupp ta' rakkomandazzjonijiet għal kwalunkwe bidla meħtieġa.
- Twettiq ta' riċerka ma' studenti, ġenituri/tuturi u edukaturi dwar il-fatturi ta' riskju tal-ELET fl-edukazzjoni obbligatorja.
- Kollaborazzjoni mal-IFE sabiex jiġi pprovdut żvilupp kontinwu tal-edukaturi biex ikunu jistgħu jifhmu u jaħdmu ma' tfal żvantaġġati u jippromwovu l-għarfien dwar it-tagħlim iċċentrat fuq it-tfal permezz ta' pedagoġiji innovattivi.
- Provvista ta' taħriġ estensiv fil-pedagoġija inklużiva, u dwar kif għandha tiġi żviluppata mentalità ta' tkabbir biex jiġi żgurat li kull tifel u tifla japprofittaw mill-benefiċċji kollha ta' ħinhom.
- Investiment f'timijiet psikosoċjali li jaħdmu direttament mat-tfal matul il-vjaġġ edukattiv tagħhom.

## Il-Partijiet Interessati ewlenin flimkien mal-ELETU:

**NSSS, HCNs, HoSs, IFE u QAD**

# Miżura ta' intervent 4

**B4. Eliminazzjoni tal-Ostakli fl-Eżamijiet tas-SEC**

***RCM 2. Ir-rekwiżit li l-biċċa l-kbira tal-eżamijiet taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (SEC) isiru bl-Ingliż huwa ostaklu bla bżonn għaċ-ċertifikazzjoni, b'mod partikolari għal studenti aktar dgħajfa u għal studenti li t-tagħlim tagħhom kien primarjament bil-Malti. Għal kull karta, l-istudenti għandu jkollhom l-għażla tal-lingwa li biha jagħmlu l-eżami.***

***RCM 15. Il-MEYR u l-MATSEC għandhom jikkunsidraw li jipprovdu workshop qasir lill-kapijiet tal-iskejjel u lill-HCNs biex jinkoraġġixxu l-estrazzjoni tad-data pprovduta mill-MATSEC. Dan jista' jinkludi l-identifikazzjoni ta' suġġetti li huma punti ta' saħħa u dgħufijiet relattivi fi skola.***

***RCM 20. Il-MEYR u l-MATSEC għandhom jikkunsidraw jekk l-għoti ta' aċċess tal-MATSEC għal settijiet ta' data eżistenti fl-iskejjel jistax jissimplifika l-proċess ta' reġistrazzjoni għall-eżamijiet tas-SEC, inaqqas l-ammont ta' xogħol tal-MATSEC, u jiffaċilita reġistrazzjonijiet aktar tard. Il-MEYR u l-MATSEC għandhom jikkunsidraw ukoll l-implikazzjonijiet tal-użu ta' mudell ta' esklużjoni fakultattiva, aktar milli inklużjoni fakultattiva, għar-reġistrazzjoni tas-SEC.***

***RCM 21. Il-kandidati potenzjali għall-eżami tas-SEC għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw Ktieb ta' Gwida qasir dwar is-SEC biss (ktejjeb separat għall-Matrikola). Dan għandu jinkiteb bil-vuċi attiva, filwaqt li kwalunkwe paġna web u indirizz tal-posta elettronika fil-Ktieb ta' Gwida għandhom ikunu iperlinkjati, u l-passi ewlenin fil-proċess tal-applikazzjoni għandhom jiġu koperti b'mod sekwenzjali.***

B4. Sabiex jiġu eliminati l-ostakli fl-eżamijiet, speċjalment għal dawk l-istudenti li qed jgħaddu minn tranżizzjoni importanti, kemm jekk akkademiċi kif ukoll vokazzjonali, il-bordijiet tal-eżamijiet għandhom iqisu n-natura bilingwi tas-soċjetà tagħna, u għandhom ikunu aktar flessibbli biex jippermettu lill-istudenti jagħżlu l-lingwa ta' preferenza tagħhom meta jpoġġu għall-eżamijiet tagħhom. Dan japplika mhux biss għall-għadd li dejjem qed jikber ta' studenti barranin, iżda wkoll għall-istudenti Maltin li jsibu t-tieni lingwa tagħhom, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, kemxejn diffiċli. Barra minn hekk, jeħtieġ li jkun hemm aktar komunikazzjoni u djalogu miftuħ bejn il-MATSEC u l-iskejjel tagħna sabiex jiġi ddeterminat x'tista' tkun l-aħjar triq lejn is-suċċess akkademiku skont il-ħtieġa.





**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda medja ta' żmien:**

- Kollaborazzjoni mal-bord tar-reviżjoni tal-kunsill tal-NCF biex jiġu indirizzati l-ostakli milli jitlesta l-Livell 3
- Ħidma għal ftehim dwar il-kondiviżjoni tad-data li jappoġġa l-estrazzjoni dwar il-fatturi ta' riskju fl-iskejjel biex jiġu mmirati studenti f'riskju tal-ELET.
- Implimentazzjoni ta' mudell ta' esklużjoni fakultattiva, u jiġi diskuss l-aċċess attwali għad-data skolastika għal proċess ta' reġistrazzjoni tas-SEC aktar sempliċi.
- Identifikazzjoni ta' oqsma problematiċi speċifiċi fis-suġġetti, u diskussjoni dwar l-iżvilupp ta' mistoqsijiet tal-assessjar u tal-eżami kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti.
- Diskussjoni tal-possibbiltà li l-istudenti jingħataw il-faċilità li jwieġbu mistoqsijiet kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti waqt l-assessjar u waqt l-eżamijiet f'suġġetti problematiċi speċifiċi (eż. stejjer tas-somom fil-Matematika).

**Azzjonijiet strateġiċi fit-tul:**

- Diskussjoni dwar il-possibbiltà li jiġu introdotti eżamijiet tas-SEC bħala għażla bil-Malti għall-istudenti, b'mod partikolari għal suġġetti speċifiċi bħall-Matematika u x-Xjenza. Dan għandu jsir b'mod parallel mal-isforzi l-oħra kollha mmirati lejn it-titjib tal-profiċjenza fil-lingwa Ingliża.

## Il-Partijiet Interessati ewlenin flimkien mal-ELETU:

**EAU, DLAP, MATSEC, UoM u MUT**

# Miżura ta' intervent 5

## B5. Ħidma f'Konformità mal-Politika u l-Istrateġija inklużiva

***RCM 5. L-irwol u l-attivitajiet tal-Edukaturi ta' Appoġġ għat-Tagħlim (LSEs) u l-programmi ta' appoġġ għat-tagħlim għandhom jiġu evalwati permezz ta' prattiki ta' riċerka sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' approċċi ta' skola sħiħa għal studenti f'riskju, filwaqt li jitrawmu l-indipendenza tal-istudenti u aktar inklużjoni.***

B5. L-inklużjoni hija meqjusa bħala dritt fundamentali tal-bniedem li huwa kruċjali għal soċjetà mibnija fuq l-ekwità (l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp fl-Edukazzjoni għal Bżonnijiet Speċjali, 2012). L-ekwità ssaħħaħ il-viżjoni lejn sistema edukattiva aktar inklużiva u l-kunċett li fih tiġi implimentata l-inklużjoni (Forlin, 2012). L-ekwità fl-edukazzjoni għandha żewġ dimensjonijiet - il-ġustizzja u l-inklużjoni. Sistema edukattiva ekwa hija ġusta u inklużiva, u tappoġġa lill-istudenti biex jilħqu l-potenzjal ta' tagħlim tagħhom mingħajr ma jżidu l-ostakli jew inaqqsu l-aspettattivi (Schleicher, 2014). Strateġija inklużiva hija sforz biex ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni fi ħdan is-sistemi edukattivi.





**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda medja ta' żmien:**

- Evalwazzjoni tal-istatistika attwali tal-ELET tal-istudenti li bbenefikaw mill-iskema tal-LSE, il-programmi ta' appoġġ tal-NLA u t-tagħlim komplementari permezz ta' kollaborazzjoni mal-NSO, l-NSSS, u t-Taqsima tar-Riċerka.
- Diskussjoni mal-edukaturi, mal-ġenituri, u l-partijiet interessati diretti biex jiżviluppaw għadd ta' strateġiji alternattivi, assistenti tat-tagħlim, jew taħlita tat-tnejn.
- Kollaborazzjoni mal-NSSS u l-politika ta' inklużjoni.

**Azzjonijiet strateġiċi fit-tul:**

- Twettiq ta' studji dwar appoġġ minn wieħed għal wieħed, appoġġ kondiviż, appoġġ barra mill-klassi u r-rabta mat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ.
- Kollaborazzjoni mal-partijiet interessati tal-politika tal-inklużjoni sabiex tiġi żgurata kwalità effettiva ta' taħriġ għall-appoġġ fl-iskejjel (eż. LSEs u/jew assistenti tat-tagħlim, u/jew għalliema ta' appoġġ).
- Kollaborazzjoni mal-fornituri tal-korsijiet biex jiġu evalwati l-korsijiet tal-LSEs, kif ukoll l-iżvilupp u l-kwalità tagħhom fir-rigward tal-ELET.
- L-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni għat-tnedija ta' strateġiji alternattivi skont ir-rakkomandazzjonijiet tar-riċerka u l-proposti tal-gruppi ta' azzjoni.

### Il-Partijiet Interessati ewlenin flimkien mal-ELETU:

**MUT, NSSS, NSO, HCNs, IFE, Taqsima tar-Riċerka (DRLLE)**

# 3.3 AZZJONIJIET STRATEĠIĊI TA' KUMPENS

Il-miżuri ta' KUMPENS jirreferu għal inizjattivi sabiex ikun hemm impenn mill-ġdid ta' studenti li jkunu ddiżimpenjaw ruħhom jew li jinsabu fil-proċess li jiddiżimpenjaw ruħhom mis-sistema edukattiva. Il-miżuri jinkludu programmi li jagħtu ċans ieħor, integrazzjoni mill-ġdid fl-iskejjel prinċipali, u appoġġ individwali mmirat.[1] F'Malta, il-miżuri eżistenti jinkludu għadd ta' istituzzjonijiet u programmi akkreditati li ħarġu mill-ewwel strateġija dwar il-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ.

## MIŻURI STRATEĠIĊI

- C1 Reviżjoni tal-istrateġiji postsekondarji għaż-żamma u l-kisbiet tal-istudenti
- C2 Żieda fir-reġistrazzjoni u ż-żamma tal-istudenti fl-edukazzjoni postobbligatorja
- C3. Jiġu segwiti u mmonitorjati b'mod olistiku studenti li juru fatturi ta' riskju għoli ta' ELET, jiġifieri, assenteiżmu kroniku, kisbiet baxxi, impenn batut, u diżabilità/diffikultà fit-tagħlim
- C4. Tagħlim aktar aċċessibbli għal kulħadd
- C5. Il-ħsieb mill-ġdid u l-iżvilupp ta' strateġija għal edukazzjoni li tagħti ċans ieħor

[1] ESLU, MFED. (2019). Centralised Monitoring and Early Identification of Students at Risk of Early School Leaving (ESL): Approaches to ESL prevention. (Il-proġett ġie kkummissjonat mis-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali (SRSS) tal-Kummissjoni Ewropea u ngħata lill-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Evalwazzjoni tal-Kisbiet Edukattivi (IEA). Ir-rapport ġie miktub minn Dr. Eemer Eivers f'isem l-IEA, p. 7.)



ELET IT-TRIQ 'IL QUDDIEM 2023–2030



# Miżura ta' Kumpens 1

## C1. Reviżjoni tal-istrateġiji postsekondarji għaż-żamma u l-kisbiet tal-istudenti

***DSRCM 1. L-istituzzjonijiet postsekondarji u l-istituzzjonijiet tat-tagħlim għall-adulti għandhom jikkondividu strateġiji pożittivi li jgħinu fiż-żieda tar-rata ta' reġistrazzjoni u ta' żamma tal-istudenti, u fit-tnaqqis tar-rata tat-tluq bikri tal-istudenti mill-iskola.***

C1. Lambert et al. (2004), Murray and Mitchell (2016), Vallejo and Dooly (2013), u għadd ta' studji oħra jikkonfermaw li r-raġunijiet edukattivi għall-istudenti li jitilqu mill-iskola jinkludu antagoniżmu lejn l-istruttura u l-kontenut tal-programm ta' studju, li jwassal għall-inklinazzjoni tal-istudenti li jibdlu l-programm jew l-istituzzjoni. Finnie et al. (2012) isostnu li kisbiet baxxi jistgħu jirriżultaw ukoll f'dawk li jitilqu mill-iskola postsekondarja.[1] Il-pilastri ta' kumpens huma mfassla b'mod strateġiku biex ikomplu jiffaċilitaw l-aċċess għal edukazzjoni ulterjuri u għolja, filwaqt li jikkonsolidaw l-opportunitajiet ta' edukazzjoni li tagħti ċans ieħor u jimminimizzaw ir-riskju li l-istudenti jitilqu mill-edukazzjoni postobbligatorja. Dawn il-miżuri huma mmirati għall-edukazzjoni postobbligatorja, il-provvista ta' tagħlim għall-adulti, u l-istituzzjonijiet tat-tagħlim tul il-ħajja, li kollha kemm huma se jiġu kkonsolidati permezz ta' dan il-grupp ta' ħidma. L-istudenti fl-edukazzjoni li tagħti ċans ieħor u fl-edukazzjoni ulterjuri jeħtieġ li jiġu mmonitorjati sabiex tiġi evalwata l-provvista tas-servizz ta' dawn il-programmi u jkomplu jiżdiedu r-reġistrazzjoni u ż-żamma tal-istudenti. Il-provvista tas-servizzi teħtieġ li tinkludi perspettiva olistika li toffri approċċ ta' viżjoni sħiħa għat-tagħlim li jipprovdi edukazzjoni ċċentrata fuq l-istudent permezz ta' servizzi effiċjenti għall-istudenti wkoll. Il-grupp/i ta' ħidma se jitwaqqfu sabiex jiddiskutu u jevalwaw il-miżuri ta' kumpens, jiżviluppaw pjanijiet strateġiċi, u jaqsmu l-prattika tajba fost il-partijiet interessati.

[1] Ministeru għall-Edukazzjoni. (2017). Studju li Jiffoka fuq it-Tluq tal-Istudenti minn Istituzzjonijiet Post-Sekondarji 2015–2016. Taqsima għat-Tluq Bikri mill-Iskola, Malta.





**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda qasira ta' żmien:**

- Konsolidazzjoni tal-grupp ta' ħidma postsekondarju sabiex jiġu appoġġati l-istituzzjonijiet biex jiġu żviluppati pjanijiet ta' azzjoni mmirati lejn dawk li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien u l-edukazzjoni li tagħti ċans ieħor.

- Kollaborazzjoni mal-bord ta' reviżjoni tal-NCF biex jiġu riveduti l-azzjonijiet fir-rigward taż-żamma tal-istudenti u l-edukazzjoni postobbligatorja.

**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda medja ta' żmien:**

- Twettiq ta' studju dwar it-tluq bikri mill-iskola fi snin alternattivi biex jiġi kondiviż il-feedback ma' gruppi ta' ħidma li jipprovdu t-tagħlim postsekondarju u tul il-ħajja.

- Kollaborazzjoni mal-grupp ta' ħidma biex tiżdied ir-reġistrazzjoni u ż-żamma tal-istudenti u jonqos it-tluq bikri tal-istudenti mill-iskola billi jitnaqqsu kemm jista' jkun il-fatturi ta' riskju, bħal pereżempju żieda fil-flessibbiltà tal-bidla tal-kors, tagħlim personalizzat, strateġiji innovattivi ta' tagħlim, u gwida/appoġġ għall-karriera (C2, C3, C4, u C5).

- Diskussjoni dwar il-possibbiltà ta' firxa ta' twassil ta' korsijiet pereżempju part-time (filgħaxija) jew online (permezz ta' korrispondenza).

**Long-term strategic actions:**

L-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni permezz ta' riċerka mmexxija mid-data.

## Il-Partijiet Interessati ewlenin flimkien mal-ELETU:

**Il-fornituri kollha tas-servizzi ta' tagħlim postobbligatorju u għall-adulti, il-bord ta' reviżjoni tal-kunsill tal-NCF**

# Miżura ta' Kumpens 2

## C2. Żieda fir-Reġistrazzjoni u ż-Żamma tal-Istudenti fl-Edukazzjoni Postobbligatorja

***DSRCM 2. L-istituzzjonijiet postsekondarji u l-provvista ta' tagħlim għall-adulti għandhom jipprovdu lill-istudenti l-possibbiltà li jibdlu s-suġġetti sa Novembru jew Diċembru.***

C2. L-istudenti jitilqu mill-edukazzjoni postsekondarja għal raġunijiet relatati mal-edukazzjoni u/jew personali. Rigward raġunijiet relatati mal-edukazzjoni, Lambert et al. (2004) jispjegaw li, ta' spiss, dawn l-istudenti ma jogħġobhomx il-programm li qed isegwu għax mhuwiex 'maqtugħ għalihom', u jħossu li l-kors mhux ta' min isegwih għax ikunu jeħtieġu biss ftit krediti, filwaqt li oħrajn li jixtiequ jibdlu l-istituzzjoni jew il-programm, mhumiex ċerti dwar dak li jridu jagħmlu, u/jew jonqsu milli jlaħħqu mal-ammont ta' xogħol (Smyth & Hewitson, 2015). Min-naħa tagħhom, Finnie, Childs and Qiu (2012) jaffermaw li l-istudenti f'livell postsekondarju jitilqu minħabba kisbiet baxxi. Matul dawn l-aħħar snin, saru diskussjonijiet mal-partijiet interessati li ġejjin minn istituzzjonijiet postobbligatorji sabiex tiġi kkonsolidata l-istruttura li ddur madwar il-programm u/jew il-bidla fis-suġġett, filwaqt li tinżamm il-flessibilta' għall-bidla li timminimizza l-istudenti li jitilqu mill-iskola. Dawn l-azzjonijiet strateġiċi għandhom l-għan li jimminimizzaw it-tluq bikri mill-istudenti għal raġunijiet relatati mal-edukazzjoni.





**Azzjonijiet strateġiċi fit-tul:**

- Diskussjoni dwar l-istrateġiji adottati mill-partijiet interessati li ppruvaw jestendu l-perjodu ta' żmien tal-bidla tas-suġġett u l-impatt pożittiv tagħha.
- Evalwazzjoni tal-istudju tat-tluq bikri mill-iskola u l-kondiviżjoni tal-feedback mal-gruppi ta' ħidma li jipprovdu t-tagħlim postsekondarju u tul il-ħajja.
- Implimentazzjoni tal-iżviluppi meħtieġa għall-bidla tas-suġġett jew tal-programm.
- Evalwazzjoni u bidla skont l-impatt ta' din l-azzjoni strateġika.

### Il-Partijiet Interessati ewlenin flimkien mal-ELETU:

**Il-fornituri kollha tas-servizzi ta' tagħlim postobbligatorju u għall-adulti**

# Miżura ta' Kumpens 3

**C3. L-Intraċċar u l-Monitoraġġ b'Mod Olistiku ta' Studenti li juru fatturi ta' riskju għoli tal-ELET (Figura 4, paġna 18), jiġifieri, assenteiżmu kroniku, kisbiet baxxi, impenn batut, imġiba, benesseri, żvantaġġ tal-familja u diżabilità/diffikultajiet fit-tagħlim**

***DSRCM 3. L-istituzzjonijiet postsekondarji u l-provvista ta' tagħlim għall-adulti għandhom jistabbilixxu programm ta' sensibilizzazzjoni ta' professjonisti li jikkollaboraw mal-maniġment sabiex jiġbdu l-attenzjoni, isegwu, u jimmonitorjaw studenti li huma f'riskju għoli ta' tluq bikri mill-iskola. Il-programm ta' sensibilizzazzjoni għandu jikkonsisti minn professjonisti bħal konsulenti dwar il-karrieri, konsulenti tal-istudenti, gwidi, persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, u kowċis tat-tagħlim li jfittxu li jipprovdu l-appoġġ it-tajjeb għad-diffikultajiet li l-istudenti jistgħu jiltaqgħu magħhom, bħal diffikultajiet finanzjarji jew benesseri ġenerali.***

C3. Ħafna żgħażagħ, speċjalment dawk li ġejjin minn familji li m'għandhomx kapital soċjali sinifikanti, għandhom ftit informazzjoni u rabtiet ma' postijiet tax-xogħol potenzjali, u għalhekk, jistgħu ma jaħsbux b'attenzjoni għall-għażliet potenzjali ta' karriera tagħhom stess. Konsegwentement, ma jistgħux jieħdu l-opportunitajiet fl-iskola biex jippreparaw b'mod xieraq għal karriera. Hawnhekk qed tiġi enfasizzata l-ħtieġa għal dijanjożi sistematika effettiva, konsulenza, gwida, u approċċ olistiku għas-servizzi tal-istudenti. Kull fejn ir-riżorsi umani psikosoċjali jkunu limitati jew mhux disponibbli, l-istituzzjonijiet postobbligatorji għandhom jiġu appoġġati sabiex jirreklutaw is-servizzi meħtieġa peress li studji reċenti juru li l-istudenti jistgħu jibbenefikaw bil-kbir mid-disponibbiltà ta' tali servizzi.[1] Minkejja l-isforzi li qed isiru bħalissa mill-istituzzjonijiet, jista' jkun hemm aktar appoġġ mill-MEYR fir-rigward tal-provvista ta' servizzi għall-istudenti full-time u kooperazzjoni aktar koordinata bejn l-edukaturi, l-amministraturi, u s-servizzi tal-istudenti biex jiġu identifikati, kmieni kemm jista' jkun, l-istudenti li huma f'riskju li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien. Filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li dan il-grupp vulnerabbli ta' studenti jista' ma jkollux id-dispożizzjoni li javviċina lit-timijiet ta' gwida nfushom, it-tim tas-servizzi tal-istudenti għandu jkompli jikkollabora mill-qrib mal-għalliema li jiltaqgħu mal-istudenti kuljum sabiex ikunu jistgħu jiġu riferuti rati għoljin ta' assenteiżmu, kisbiet akkademiċi baxxi fl-assessjar, u kwistjonijiet personali u emozzjonali u tkun tista' tittieħed azzjoni f'waqtha.

[1] Ministeru għall-Edukazzjoni. (2017). A Study Focusing on Students Dropping out from Post-Secondary Institutions 2015-2016. Taqsima għat-Tluq Bikri mill-Iskola, Malta





**Azzjonijiet strateġiċi fit-tul:**

- Diskussjoni ta' x'inhu meħtieġ biex jiġu żviluppati mekkaniżmi diġà eżistenti fi programm aktar effettiv ta' monitoraġġ, gwida, ikkowċjar u sensibilizzazzjoni.
- L-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni nazzjonali li jinkludi wkoll il-fondi meħtieġa għall-monitoraġġ, il-gwida, l-ikkowċjar, il-kura pastorali, u l-programm ta' sensibilizzazzjoni, jiġifieri s-Servizzi tal-Istudenti fi ħdan il-gruppi ta' ħidma.
- L-implimentazzjoni ta' programm effettiv ta' monitoraġġ u ta' sensibilizzazzjoni fl-istituzzjonijiet kollha.
- L-evalwazzjoni tal-impatt ta' dan il-programm fuq iż-żamma tal-istudenti.

## Il-Partijiet Interessati ewlenin flimkien mal-ELETU:

**Il-fornituri kollha tas-servizzi ta' tagħlim postobbligatorju u għall-adulti**

# Miżura ta' Kumpens 4

## C4. Make Learning Accessible to All

***DSRCM 4a. L-introduzzjoni tal-iżvilupp ta' tagħlim imħallat u/jew sessjonijiet diretti sinkroniċi għall-istudenti sabiex jintlaħqu numru akbar ta' studenti.***

***DSRCM 4b. L-introduzzjoni tal-iżvilupp ta' tagħlim imħallat u/jew sessjonijiet diretti sinkroniċi għall-istudenti sabiex jintlaħqu numru akbar ta' studenti.***

C4. Filwaqt li l-COVID-19 kellha impatt fuq it-tagħlim fl-oqsma kollha tal-edukazzjoni, dan ippermetta wkoll li jintużaw diversi strateġiji ta' tagħlim u metodi ta' assessjar diġitali matul dan il-perjodu. Dan jitlob evalwazzjoni ta' jekk l-istudenti bbenefikawx minn tagħlim imħallat u jekk dan jistax jiġi estiż għall-era ta' wara l-COVID. It-tagħlim mill-bogħod oriġinarjament beda f'komunitajiet remoti fl-Awstralja, iżda evolva biex jinkorpora t-teknoloġija diġitali u t-tagħlim imħallat kemm f'ambjent urban kif ukoll f'ambjent rurali. Analiżi minn Means, Toyama, Murphy, Bakia and Jones (2009) sabet li t-tagħlim online u mħallat jista' jipprovdi benefiċċji sinifikanti lill-istudenti f'riskju tal-ELET. Hemm għadd ta' mudelli ta' tagħlim imħallat jew mill-bogħod li huma kkaratterizzati minn ammont varjabbli ta' ħin imqatta' f'ambjent skolastiku fiżiku, u wkoll mill-fatt jekk il-programmi humiex ikkunsidrati komplementari jew supplimentari għall-edukazzjoni formali, jew bħala programm separat għalkollox.[1]

L-involviment tal-istudenti huwa multidimensjonali u jinkludi tliet komponenti, jiġifieri l-imġiba tal-istudenti (eż. il-parteċipazzjoni u l-attendenza), ir-rispons emozzjonali (eż. reazzjonijiet pożittivi u negattivi għall-iskola, it-tagħlim, u l-għalliema), u l-proċessi konjittivi (eż. l-impenn għall-istudju). Għalhekk jeħtieġ li jiġi rikonoxxut li dawn it-tliet dimensjonijiet ta' impenn huma interrelatati u prekursur meħtieġ għat-tagħlim tal-istudenti. Huwa importanti li tiġi kkunsidrata

[1] ESLU, MFED. (2019). Centralised Monitoring and Early Identification of Students at Risk of Early School Leaving (ESL): Approaches to ESL prevention. (The project was commissioned by the European Commission's Structural Reform Support Service (SRSS) and awarded to the International Association for the Evaluation of Educational Achievement (IEA). The report was written by Dr. Eemer Eivers on behalf of IEA.)





din il-perspettiva ta' interazzjoni minħabba li r-responsabbiltà għall-involviment u d-diżimpenn ma taqax biss fuq l-istudent individwali, iżda wkoll fuq il-prattiki u l-proċessi fi ħdan l-istituzzjonijiet edukattivi. L-istituzzjonijiet edukattivi jistgħu jinfluwenzaw direttament l-involviment tal-istudenti, għall-inqas, sa ċertu grad. Il-kura pastorali u l-benesseri jirriflettu s-sensittività għall-isfond tal-istudenti, u huma elementi neċessarji għall-parteċipazzjoni tal-istudenti. Ir-relazzjonijiet pożittivi bejn l-istudenti u l-għalliema huma meqjusa kruċjali, kemm fiż-żamma tal-istudenti fl-iskejjel, kif ukoll fl-involviment mill-ġdid ta' dawk li telqu. Meta jiġi promoss l-impenn komportamentali u emozzjonali, l-istudenti jkunu aktar lesti li jattendu l-iskola u jħossuhom aktar pożittivi dwar l-ambjent skolastiku tagħhom.

L-isforzi u l-involviment tal-istudenti jistgħu jissaħħu wkoll jekk il-kontenut tal-kors ikun relatat mal-ħajja tagħhom, l-istudju futur, jew l-għażliet ta' xogħol. L-istudenti jkunu aktar motivati biex jibqgħu l-iskola jekk il-materjal tat-tagħlim ikun interessanti u jgħinhom jiżviluppaw ħiliet speċifiċi li huma jidentifikaw bħala ħtieġa ta' titjib. Għalhekk, huwa hawnhekk issuġġerit li jitwaqqaf grupp konsultattiv għall-istudenti fl-istituzzjonijiet kollha sabiex ikompli jiżviluppa proċessi ta' tagħlim li huma strutturati, iżda jżomm il-flessibilta' li jiżviluppa programmi ta' tagħlim b'tali mod li jkunu aċċessibbli għal kulħadd, b'mod partikolari għal dawk li huma l-aktar f'riskju tal-ELET.[2]

[2] Ministeru għall-Edukazzjoni. (2017). A Study Focusing on Students Dropping out from Post-Secondary Institutions 2015-2016. Taqsima għat-Tluq Bikri mill-Iskola, Malta.

**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda qasira ta' żmien:**

- Evalwazzjoni tat-tagħlim diġitali fil-perjodu tal-COVID-19 f'istituzzjonijiet postsekondarji u għall-adulti.
- Tislit ta' rakkomandazzjonijiet dwar kif it-it-tagħlim jista' jiġi żviluppat wara l-pandemija sabiex jilħaq aktar studenti, anki minn aspetti pedagoġiċi, ta' tagħlim u ta' assessjar.
- Twaqqif ta' kumitat rappreżentattiv tal-istudenti u tal-affarijiet tal-istudenti li għandu jkun preżenti fil-laqgħat b'rabta mat-tagħlim aċċessibbli.

**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda medja ta' żmien:**

- Diskussjoni dwar il-possibbiltà ta' programm pilota għal kull istituzzjoni ta' tagħlim postsekondarju u għall-adulti li jinkludi tagħlim imħallat u/jew tagħlim asinkroniku. Il-Kunsill tal-Ewropa diġà jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar l-Edukazzjoni Diġitali Online taċ-Ċittadini http://coecourses.online/
- Stabbiliment ta' pjan ta' azzjoni li jkun żviluppat b'mod strateġiku għal korsijiet jew moduli fattibbli.
- L-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni li jimmira t-tagħlim, u l-istrateġiji ta' assessjar li jimmiraw għaż-żamma tal-istudenti.

**Azzjonijiet strateġiċi fit-tul:**

- Jitwettaq programm pilota ta' sentejn ta' sessjonijiet imħallta u/jew asinkroniċi għal moduli speċifiċi skont il-ħtiġijiet tal-istituzzjonijiet individwali.
- Evalwazzjoni tal-proġett pilota.

## Il-Partijiet Interessati ewlenin flimkien mal-ELETU:

**Il-fornituri kollha tas-servizzi ta' tagħlim postobbligatorju u għall-adulti**







# Miżura ta' Kumpens 5

## C5. Reviżjoni u Żvilupp ta' Strateġija għall-Edukazzjoni Kumpensatorja

***DSRCM 5. L-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni li jevalwa u jaħseb mill-ġdid dwar il-kumpens attwali u l-programmi edukattivi li jagħtu ċans ieħor fl-istituzzjonijiet kollha tat-tagħlim postsekondarju u għall-adulti.***

C5. Jeħtieġ li l-miżuri ta' kumpens li jiżviluppaw inizjattivi biex jerġgħu jinvolvu lill-istudenti li jkunu ddiżimpenjaw ruħhom jew li jinsabu fil-proċess li jiddiżimpenjaw ruħhom mis-sistema edukattiva. Il-miżuri jinkludu programmi li jagħtu ċans ieħor u appoġġ individwali mmirat. F'Malta, il-miżuri eżistenti jinkludu Ġużè Ellul Mercer 16+ (ĠEM16+) bħala istituzzjoni indipendenti, u l-programmi tal-Fondazzjoni MQF li joperaw fil-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST), iċ-Ċentri ta' Tagħlim Tul il-Ħajja, l-Iskola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi, l-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS), Servizz Għożża, Youth.Inc, Embark for Life, u Pathways. Il-programmi edukattivi li jagħtu ċans ieħor jeħtieġ li jipprovdu għadd ta' fatturi korrelatati mal-ELET, li tfisser l-amalgamazzjoni u r-rabta bejn fatturi relatati mal-edukazzjoni, mal-familja u personali, imsejħa fil-letteratura bħala "intersezzjonalità", li jwasslu biex student jieqaf mill-iskola jew jitlaq mill-edukazzjoni postobbligatorja (Downes, 2013, 2014).

Meta jitqies in-numru ta' programmi edukattivi kumpensatorji li hemm bħalissa f'Malta, din l-istrateġija tipproponi l-evalwazzjoni u l-konsolidazzjoni ta' dawn il-miżuri permezz ta' għadd ta' azzjonijiet strateġiċi billi jsir investiment prinċipalment fi professjonisti li jiltaqgħu mal-istudenti fuq bażi ta' kuljum sabiex ikunu jistgħu jiġu riferuti rati għoljin ta' assenteiżmu, kisbiet akkademiċi baxxi fl-assessjar, u kwistjonijiet personali u emozzjonali, u tkun tista' tittieħed azzjoni f'waqtha.





**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda qasira ta' żmien:**

- Evalwazzjoni tal-programmi edukattivi attwali li jagħtu ċans ieħor fi ħdan il-grupp ta' ħidma.
- L-iżvilupp ta' pjan ta' ħidma inizjali għal opportunità ta' edukazzjoni aktar inklużiva li tagħti ċans ieħor fi ħdan l-istituzzjonijiet ta' tagħlim postsekondarju u għall-adulti li għandhom l-għan li jżidu l-istudenti tul il-ħajja u jnaqqsu l-ELET.
- L-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet għal programm edukattiv li jagħti ċans ieħor f'għadd ta' setturi sabiex titnaqqas ir-rata tal-ELET.

**Azzjonijiet strateġiċi fuq medda medja ta' żmien:**

- L-iżvilupp ta' pjan għad-disponibbiltà ta' firxa ħafna usa' ta' korsijiet universitarji tal-ewwel grad part-time (filgħaxija) jew permezz ta' korrispondenza/online b'tali mod li l-istudenti jkunu jistgħu jistudjaw bil-pass tagħhom filwaqt li jkunu jistgħu jibqgħu jaħdmu u b'hekk ikollhom indipendenza finanzjarja u/jew ikunu jistgħu jsostnu lilhom infushom u/jew lill-familja tagħhom.

**Il-Partijiet Interessati ewlenin flimkien mal-ELETU:**

**Il-fornituri kollha tas-servizzi ta' tagħlim postobbligatorju u għall-adulti**

# 4. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA

Din l-Istrateġija Nazzjonali se titkejjel kull sena u tiġi analizzata skont l-azzjonijiet u l-għanijiet strateġiċi identifikati mill-ELETU permezz ta' pjan ta' azzjoni u rapport annwali ta' implimentazzjoni. Dan se jiġi rivedut mill-PMED. Il-Kumitat ELET se jiġi stabbilit mill-PS tal-MEYR u ppresedut minn membru magħżul mill-kumitat. Il-membri se jinkludu rappreżentant mill-ELETU u mill-partijiet interessati mit-tliet pilastri ewlenin tal-ELET: Prevenzjoni, Intervent u Kumpens. L-analiżi tal-prestazzjoni se tkun qed tuża diversi għodod għall-ġbir tad-data biex tivvaluta jekk l-eżiti indikati għal kull qasam ta' prijorità nkisbux fil-perjodu ta' żmien indikat. Il-Kumitat ELET u l-PMED se jappoġġaw lill-ELETU biex tiżviluppa ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tad-data minħabba l-ġbir tad-data u l-fattibbiltà tal-analiżi. Il-ġbir tad-data għandu jsir kemm fuq livell tal-politika kif ukoll fuq livell ta' prattika fl-iskejjel.



**Figura 6: Monitoraġġ u Evalwazzjoni**



# 5. ELET: IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Id-data dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku għall-Prevenzjoni tat-Tluq Bikri mill-Iskejjel f'Malta 2014, tenfasizza sforz estensiv fuq livell nazzjonali sabiex jitnaqqas dan il-fenomenu u r-riperkussjonijiet tiegħu. Din l-istrateġija konsegwentement issaħħaħ ħafna inizjattivi msemmija fl-istrateġija preċedenti, u tfittex li tippromwovi l-integrazzjoni soċjali fil-livelli kollha.

Il-politiki edukattivi kollha li huma relatati, fi gradi differenti, mal-fenomenu tal-ELET jenfasizzaw il-ħtieġa ta' żvilupp professjonali kontinwu, b'referenza partikolari għaż-żieda fil-bidliet kuntestwali lokalment u lil hinn. L-iżvilupp professjonali tal-edukaturi, flimkien ma' perċezzjoni innovattiva, jista' jagħtihom is-setgħa li jiffaċċjaw il-fatturi ta' riskju tal-ELET u l-isfidi li jiffaċċjaw fil-prattika tagħhom ta' kuljum.

L-edukaturi u r-riżorsi umani huma assi indispensabbli għaż-żamma b'suċċess tal-istudenti fl-iskola u t-tnaqqis tal-ELET permezz ta' approċċ ta' skola sħiħa. Il-professjonaliżmu psikosoċjali huwa fundamentali b'mod ġenerali, f'termini ta' approċċi multidixxiplinari sodi, sabiex jissaħħaħ il-benesseri psikoloġiku, mhux esklużiv għall-ambjent fil-klassi, iżda wkoll b'mod olistiku bħal fid-dar u fil-komunità. It-tranżizzjonijiet bejn l-iskejjel huma wkoll prijorità ewlenija peress li għandhom rwol importanti fiż-żamma tal-istudenti fi ħdan is-sistema edukattiva. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-għadd ta' tranżizzjonijiet fi ħdan l-edukazzjoni obbligatorja u postsekondarja. Madankollu, il-fattur determinanti jibqa' l-kisbiet. Fil-fatt, l-istudenti jinsabu f'riskju li jitilqu kmieni mill-iskola minħabba problemi ta' litteriżmu u fatturi ta' komunikazzjoni minħabba n-nuqqas ta' profiċjenza tagħhom fil-Malti u fl-Ingliż. Barra minn hekk, l-inizjattivi għandhom jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għall-istudenti b'dikjarazzjoni tal-ħtiġijiet. It-taħriġ personali li jipprovdi kura pastorali u gwida dwar il-karriera li permezz tagħhom l-istudenti jibbenefikaw akkademikament jeħtieġ li jiġi żviluppat aktar. Dan jikkomplementa perspettiva prattika wara l-introduzzjoni tas-suġġetti tal-VET u l-popolarità dejjem tikber tagħhom.

Id-diversità qed twessa' l-orizzonti tagħha f'termini ta' kwistjonijiet fiżiċi, intellettwali, etniċi, kulturali u tal-ġeneru. Fil-fatt, id-diversità tista' teżisti anki fix-xenarju lokali meta l-istudenti fl-iskola jitħalltu ma' oħrajn li ġejjin minn sfond differenti. Għandu jitrawwem l-etos tal-iskola, fejn id-diversità hija aċċettata b'mod wiesa' sakemm issir realtà komuni mhux ikkontestata. Dan jista' jinkiseb biss permezz ta' esperjenza ta' tagħlim impenjattiva li hija rikka u rilevanti għal kulħadd. Id-diversità għandha sservi biex trawwem valuri umani ewlenin fost l-istudenti tagħna, u b'hekk tgħinhom isiru ċittadini attivi responsabbli.

L-inizjattiva SEAC tipproponi aċċess għall-edukazzjoni vokazzjonali għal firxa usa' ta' studenti, b'firxa akbar ta' suġġetti vokazzjonali u applikati sabiex jiżdiedu l-inklużjoni u d-diversità fl-edukazzjoni sekondarja. Il-proposta tal-MEYR hija bbażata fuq forniment ekwu ta' tagħlim ta' kwalità fl-iskejjel sekondarji li jirrispetta l-intelliġenzi multipli tal-istudenti kollha u jipprovdi programmi ta' tagħlim u modi differenti ta' assessjar tat-tagħlim. Din l-evoluzzjoni hija kemm inklużiva kif ukoll komprensiva, u tisfida s-sistema edukattiva ta' universalità attwali. Is-sistema l-ġdida ta' edukazzjoni sekondarja tinkludi l-provvista ta' edukazzjoni akkademika ġenerali, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, kif ukoll tagħlim applikat. Għandha l-għan li tespandi l-progressjoni tat-tagħlim permezz ta' modi ta' studju li jwasslu għal kwalifiki fil-Livell 3 tal-MQF, u li fiha nnifisha għandha l-għan li tnaqqas ir-rata tal-ELET f'Malta.

Bħala konklużjoni, it-triq 'il quddiem tal-viżjoni mfassla mill-ELETU tiddependi ħafna minn dan il-pjan strateġiku rivedut, iżda tinkludi wkoll sistema estensiva ta' monitoraġġ għall-ġbir u l-analiżi tad-data sabiex titmexxa 'l quddiem l-implimentazzjoni ta' kull azzjoni strateġika deskritta f'din l-istrateġija. Id-data dwar it-tluq bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ bħalissa tinġabar minn dipartimenti differenti fi ħdan u barra l-MEYR u b'hekk tinforma t-tfassil tal-istrateġija futura u l-implimentazzjoni fuq livell nazzjonali, tal-kulleġġ jew tal-iskola. Dan ikun jinvolvi proċess kontinwu ta' monitoraġġ għall-progress u l-effettività, kif ukoll li jitqiegħdu l-pedamenti għal approċċ kollaborattiv aħjar u aktar iffukat lejn it-tnaqqis tal-ELET kemm fuq livell lokali kif ukoll f'dak nazzjonali. Il-monitoraġġ u l-identifikazzjoni effiċjenti tal-istudenti f'riskju tal-ELET iżidu l-possibbiltajiet ta' intervent bikri bil-possibbiltà ta' involviment mill-ġdid.

L-aċċessibbiltà tad-data mill-ELETU, biż-żieda ta' aktar riżorsi umani, għall-kuntrarju tal-istruttura attwali tal-ġbir tad-data u l-għadd limitat ta' partijiet interessati fi ħdan l-ELETU, tkun aktar effettiva fil-ġbir ta' data utli għall-identifikazzjoni bikrija permezz ta' strateġiji ta' monitoraġġ u implimentazzjoni, u evalwazzjoni b'saħħitha tal-miżuri. Konsegwentement, miżuri sistematiċi li jiġġieldu l-ELET jistgħu jżidu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tal-partijiet interessati kif ukoll jiżguraw il-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri strateġiċi.

# Referenzi

Archer, P., & Shortt, F. (2003).
Review of the Home-School-Community Liaison Scheme. Report to the Department of Education and Science. Dublin: Educational Research Centre.

Ashbaker, B. Y., & Morgan, J. (2012).
Team players and team managers: Special educators working with paraeducators to support inclusive classrooms. Creative Education, 3(3), 322-327. http://dx.doi.org/10.4236/ce.2012.33051

Atkinson, J., Salmond, C., & Crampton, P. (2014).
NZDep2013 Index of Deprivation. Dunedin: University of Otago.

Blatchford, P., Russell, A., & Webster, R. (2012).
Reassessing the impact of teaching assistants: How research challenges practice and policy. Oxon: Routledge.

Brock, M. E., & Carter, E. W. (2013).
A systematic review of paraprofessional-delivered educational practices to improve outcomes for students with intellectual and developmental disabilities. Research and Practice for Persons with Severe Disabilities, 38, 211-221. doi:10.1177/154079691303800401

Byrne, D., & Smyth, E. (2010).
No way back? The dynamics of early school leaving. Dublin: Liffey Press.

Cebolla-Boado, H., Radl, J., & Salazar, L. (2017).
Preschool education as the great equalizer? A cross-country study into the sources of inequality in reading competence. Acta Sociologica, 60, 41–60. https://doi.org/10.1177/0001699316654529

Chatzitheochari, S., Parsons, S., & Platt, L. (2016). Doubly disadvantaged? Bullying experiences among disabled children and young people in England. Sociology, 50, 695-713.

Claeys-Kulik, A. -L., & Jørgensen, T. E. (2018).
Universities' strategies and approaches towards diversity, equity and inclusion: examples from across Europe. Brussels: European University Association. Available at: https://eua.eu/resources/publications/311:universities%E2%80%99-strategies-and-approaches-towards-diversity,-equity-and-inclusion.html

Cornell, D., Gregory, A., Huang, F., & Fan, X. (2013).
Perceived prevalence of teasing and bullying predicts high school dropout rates. Journal of Educational Psychology, 105, 138-149.

Department for Education. (2018).
School Workforce in England: November 2017. Available at: https://assets.publishing.service.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/719772/SWFC_MainText.pdf

Department of Education and Skills. (2011).
Literacy and numeracy for learning and life: The national strategy to improve literacy and numeracy among children and young people 2011-2020. Dublin: Government Publications.





Desforges, C., & Abouchaar, A. (2003).
The impact of parental involvement, parental support and family education on pupil achievements and adjustment: A literature review (Report RR433). London: Department for Education and Skills.

Douglas, S. N., Chapin, S. E., & Nolan, J. F. (2016).
Special education teachers' experiences supporting and supervising paraeducators: Implications for special and general education settings. Teacher Education and Special Education, 39, 60-74. http://dx.doi.org/10.1177/0888406410561644 3

Downes, P. (2013).
Developing a Framework and Agenda for Students' Voices in the School System across Europe: From diametric to concentric relational spaces for early school leaving prevention. European Journal of Education, 48(3), 346-362.

Downes, P. (2013b).
Incorporating feedback from 10 cities for the development of a matrix of structural indicators for a systematic approach to parental involvement for early school leaving prevention. In: Gijon Municipality, Spain, meeting of EU URBACT initiative. PREVENT (invited presentation).

Downes, P. (2014).
Towards a differentiated, holistic and systematic approach to parental involvement in Europe for early school leaving prevention. PREVENT, Urbact: Paris.

Downes, P., & Cefai, C. (2016).
How to prevent and tackle bullying and school violence: Evidence and practices for strategies for inclusive and safe schools (NESET II report). Luxembourg: Publications Office of the European Union. doi:10.2766/0799

Eivers, E. (2020).
Reducing early school leaving in Malta. Report for the Ministry of Education and Employment. https://www.researchgate.net/publication/341650167_Reducing_early_school_leaving_in_Malta_Report_for_the_Ministry_of_Education_and_Employment

Epstein, J. L. (1992).
School and Community Partnerships. In: M. Alken (Ed.), Encyclopedia of Educational Research (pp. 1139–1151). New York: Macmillan.

European Agency for Special Needs and Inclusive Education. (2014).
Education for all: Special needs and inclusive education in Malta. External Audit Report. Odense: Awtur.

Il-Kummissjoni Ewropea. (2011).
Reducing Early School Leaving. Commission staff working paper. Accompanying document to the proposal for a Council recommendation on policies to reduce early school leaving. SEC (2011) 96 final. Disponibbli fuq: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=SEC:2011:0096:FIN:EN:PDF

Il-Kummissjoni Ewropea ET2020 Grupp ta' Ħidma. (2015).
A whole school approach to tacking early school leaving: Policy messages. Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/assets/eac/education/experts-groups/2014-2015/school/early-leaving-policy_en.pdf

Il-Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice. (2016).
Structural indicators on achievement in basic skills in Europe – 2016. Rapport tal-Eurydice. Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice. (2018).
Structural indicators on achievement in basic skills in Europe – 2018. Rapport tal-Eurydice. Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice. (2019).
Integrating students from migrant backgrounds into schools in Europe: National policies and measures. Rapport tal-Eurydice. Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice/Cedefop. (2014).
Tackling early leaving from education and training in Europe: Strategies, policies and measures. Rapport tal-Eurydice u tas-Cedefop. Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Evans, M. D. R., Kelley, J., Sikora, K., & Treiman, D. (2010).
Family scholarly culture and educational success: Books and schooling in 27 nations. Research in Social Stratification and Mobility, 28, 171-197. ISSN 0276-5624. https://doi.org/10.1016/j.rssm.2010.01.002

Falzon, N. (2016). Sensitivity, safety and strength: An inter-agency review of Malta's policy on trans, gender variant and intersex students. MGRM: Mosta.

Farrell, P., Alborz, A., Howes, A., & Pearson, D. (2010).
The impact of teaching assistants on improving pupils' academic achievement in mainstream schools: A review of the literature. Educational Review, 62, 435-448. http://dx.doi.org/10.1080/00131911.2010.486476

Finnie, R., Childs, S., & Qiu, H. (2012).
Patterns of persistence in postsecondary education: New evidence for Ontario. Toronto, Canada: Higher Education Quality Council of Ontario.

Gaffney, H., Farrington, D. P., & Ttofi, M. (2019).
Examining the effectiveness of school-bullying intervention programs globally: A meta-analysis. International Journal of Bullying Prevention, 1, 14-31.

Garcia, J. L., Heckman, J., & Ziff, A. (2017).
Gender differences in the benefits of an influential early childhood program. IZA Discussion Paper No. 10758. Disponibbli fuq: https://ssrn.com/abstract=2971354

Gatt, S. (2017).
Labour Market Policy Thematic Review 2017: An in-depth analysis of the impact of reforms on inequality MALTA. Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Gilleece, L. (2015).
Parental involvement and pupil reading achievement in Ireland: Findings from PIRLS 2011. International Journal of Educational Research, 73, 23-36. doi:10.1016/j.ijer.2015.08.001

Goodall, J. (2017).
Narrowing the achievement gap: Parental engagement with children's learning. London: Routledge.

Grima, G., Camilleri, R., Chircop, S., & Ventura, F. (2005).
MATSEC: Strengthening a National Examination System. Il-Furjana: Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Impjieg.

Gustafsson, J. -E., Hansen, K. Y., & Rosén, M. (2013).
Effects of home background on student achievement in reading, mathematics, and science at the fourth grade. In: M. O. Martin & I. V. S. Mullis (Eds.), TIMSS and PIRLS 2011: Relationships Among Reading, Mathematics, and Science Achievement at the Fourth Grade—Implications for Early Learning (pp. 181–287). Chestnut Hill, MA: TIMSS & PIRLS International Study Center, Boston College.

Haase, T., & Pratschke, J. (2017).
The 2016 Pobal HP deprivation index for small areas. Dublin: Awtur.

Hall, W. (2017). The effectiveness of policy interventions for school bullying: A systematic review. Journal of the Society for Social Work and Research, 8, 45-69.

Heckman, J. J. (2011).
The economics of inequality: The value of early childhood education. American Educator, 35, 31-35.



ELET **IT-TRIQ 'IL QUDDIEM** 2023–2030

Higgins, S. (2014, May 21).
Research evidence and effective use of the Pupil Premium. Pupil Premium Conference. Cavendish Conference Centre London.

Higgins, S., Katsipataki, M., Kokotsaki, D., Coleman, R., Major, L. E., & Coe, R. (2013). The Sutton Trust - Education Endowment Foundation Teaching and Learning Toolkit. London: Education Endowment Foundation.

Inchley, J., Eds. (2016).
Growing up unequal: Gender and socioeconomic differences in young people's health and well-being. Health Behaviour in School-aged Children (HBSC) study: International report from the 2013/2014 survey. Copenhagen: Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa.

iScoil. (2017). iScoil Annual Report 2016/2017. Dublin: Awtur. Katsipataki,

Katsipataki, M., & Higgins, S. (2016).
What works or what's worked? Evidence from education in the United Kingdom. Procedia - Social and Behavioral Sciences, 217, 903-909.

Kellaghan, T., Sloane, K., Alvarez, B., & Bloom, B. S. (1993).
The home environment and school learning. Promoting parental involvement in the education of children. San Francisco: Jossey Bass.

Kosciw, J. G., Greytak, E. A., Palmer, N. A., & Boesen, M. J. (2014).
The 2013 National School Climate Survey: The experiences of lesbian, gay, bisexual and transgender youth in our nation's schools. New York, NY: Gay, Lesbian and Straight Education Network.

Lambert, M., Zeman, K., Allen, M., & Bussière, P. (2004).
Who pursues postsecondary education, who leaves and why: Results from the Youth in Transition Survey. Ottawa, Canada: Culture, Tourism and the Centre for Education Statistics Division.

Launoy, G., Launay, L., Dejardin, O., Bryère, J., & Guillaume, E. (2018). European Deprivation Index: Designed to tackle socioeconomic inequalities in cancer in Europe. European Journal of Public Health, 28, 214. https://doi.org/10.1093/eurpub/cky213.625

Martin, M., Foy, P., Mullis, I., & O'Dwyer, L. (2013). Effective Schools in Reading, Mathematics, and Science at the Fourth Grade. In: M. O. Martin & I. V. S. Mullis (Eds.), TIMSS and PIRLS 2011: Relationships Among Reading, Mathematics, and Science Achievement at the Fourth Grade—Implications for Early Learning. Chestnut Hill, MA: TIMSS & PIRLS International Study Center, Boston College.

MATSEC. (2018).
Candidates' feedback: MATSEC first/main examination session. Msida: Awtur. Disponibbli fuq: https://www.um.edu.mt/ data/assets/pdf_file/0009/367695/CandidateFeedback2018NewFormat.pdf

McCoy, S., Quail, A., & Smyth, E. (2014).
The effects of school social mix: Unpacking the differences. Irish Educational Studies, 33, 307-330. doi:10.1080/03323315.2014.955746

McGilloway, S., Ni Mhaille, G., Furlong, M., Hyland, L., Leckey, Y., Kelly, P., Bywater, T., Comiskey, C., Lodge, A., O'Neill, D., & Donnelly, M. (2012).
Long-term outcomes of the Incredible Years Parent and Teacher Classroom Management training programmes (Combined 12-month Report). Dublin: Archways.

McNally, S., McCrory, C., Quigley, J., & Murray, A. (2019).
Decomposing the social gradient in children's vocabulary skills at 3 years of age: A mediation analysis using data from a large representative cohort study. Infant Behavior and Development, 57, 101326. ISSN 0163-6383. https://doi.org/10.1016/j.infbeh.2019.04.008.

Means, B., Toyama, Y., Murphy, R., Bakia, M., & Jones, K. (2009).
Evaluation of evidenced-based practices in online learning: A meta-analysis and review of online learning studies. Washington, DC: Office of Planning, Evaluation and Policy Development, US Department of Education.

Menesini, E., Nocentini, A., & Palladino, B. E. (2012).
Empowering students against bullying and cyberbullying: Evaluation of an Italian peer-led model. International Journal of Conflict and Violence, 6, 314-320.

Ministeru għall-Edukazzjoni (MFED ). (2012).
A National Curriculum Framework for All. Floriana: Awtur.

Ministeru għall-Edukazzjoni (MFED ). (2014a).
A Strategic Plan for the Prevention of Early School Leaving. Floriana: Awtur.

Ministeru għall-Edukazzjoni (MFED ). (2014b).
A National Literacy Strategy for All in Malta and Gozo 2014-2019. Disponibbli fuq: http://education.gov.mt/en/Documents/Literacy/ENGLISH.pdf

Ministeru għall-Edukazzjoni (MFED ). (2016). PISA 2015: Malta. Floriana: Awtur.

Ministeru għall-Edukazzjoni (MFED ). (2018). National Homework Policy. Floriana: Awtur.

Mullis, I. (2013).
Profiles of Achievement Across Reading, Mathematics, and Science at the Fourth Grade. In: M. O. Martin & I. V. S. Mullis (Eds.), TIMSS and PIRLS 2011: Relationships Among Reading, Mathematics, and Science Achievement at the Fourth Grade—Implications for Early Learning (pp. ???). Chestnut Hill, MA: TIMSS & PIRLS International Study Center, Boston College.

Mullis, I., Martin, M. O., Foy, P., & Arora, A. (2012).
TIMSS 2011 international results in mathematics. Chestnut Hill, MA: TIMSS & PIRLS International Study Center, Boston College. Disponibbli fuq: https://timssandpirls.bc.edu/timss2011/downloads/T11_IR_Mathematics_FullBook.pdf

Mullis, I. V. S., Martin, M. O., Foy, P., & Hooper, M. (2017).
PIRLS 2016 international results in reading. Disponibbli fuq: http://timssandpirls.bc.edu/pirls2016/international-results/

Murray, S., & Mitchell, J. (2016).
Teaching practices that re-engage early school leavers in further education: An Australian study. Journal of Further and Higher Education, 40, 372-391.

Nairz-Wirth, E., Feldmann, K., & Diexer, B. (2012).
Handlungsempfehlungen für Lehrende, Schulleitung und Eltern zur erfolgreichen Prävention von Schulabsentismus und Schulabbruch. Aufbruch zu einer neuen Schul-kultur. Wien: Wirtschaftsuniversität Wien. Disponibbli fuq: https://www.schooleducationgateway.eu/files/esl/downloads/84_Checklist_and_Recommendations_EN.pdf

NCSE. (2018).
Comprehensive review of the Special Needs Assistant scheme: A new school inclusion model to deliver the right supports at the right time to students with additional care needs. Trim, Co. Meath: Awtur.

Nunnery, J. (1998).
Reform ideology and the locus of development problem in educational restructuring: Enduring lessons from studies of educational innovation. Education and Urban Society, 30, 277-299.

OECD. (2010).
PISA 2009 results: Overcoming social background – Equity in learning opportunities and outcomes (Volume II). Paris: OECD Publishing. Disponibbli fuq: http://dx.doi.org/10.1787/9789264091504-en



ELET **IT-TRIQ 'IL QUDDIEM** 2023–2030

OECD. (2012).
Equity and quality in education: Supporting disadvantaged students and schools. Paris: OECD Publishing. Disponibbli fuq: https:// doi.org/10.1787/9789264130852-en

OECD. (2016).
PISA 2015 results (Volume II): Policies and practices for successful schools. Paris: OECD Publishing. Disponibbli fuq: https://doi.org/10.1787/9789264267510-en

OECD. (2017).
PISA 2015 results (Volume III): Students' well-being. Paris: OECD Publishing. Disponibbli fuq: https://doi.org/10.1787/9789264273856-en

Olweus, D. (1992).
Bullying among school children: Intervention and prevention. In: R. D. Peters, R. J. McMahon, & V. L. Quinsey (Eds.), Aggression and Violence Throughout the Lifespan (pp. 100–125). London: Sage.

Roulstone, S., Law, J., Rush, R., Clegg, J., & Peters, T. (2011).
Investigating the role of language in children's early educational outcomes: An analysis of data from the Avon Longitudinal Study of Parents and Children (ALSPAC). Department for Education, Nottingham.

Shanahan, T. (2001).
Improving reading education for low-income children. In: G. Shiel & U. Ní Dhálaigh (Eds.), Reading Matters: A Fresh Start (pp. 157-165). Dublin: Reading Association of Ireland/National Reading Initiative.

Sharma, U., & Salend, S. J. (2016).
Teaching Assistants in inclusive classrooms: A systematic analysis of the international research. Australian Journal of Teacher Education, 41, 118-134. http://dx.doi.org/10.14221/ajte.2016v41n8.7

Sharples, J., Webster, R., & Blatchford, P. (2015).
Making best use of teaching assistants. Guidance report. London: Education Endowment Fund. Available at: https://educationendowmentfoundation.org.uk/public/files/Publications/Teaching_Assistants/TA_Guidance_Report_MakingBestUseOfTeachingAssistants-Printable.pdf

Shenderovich, Y., Thurston, A., & Miller, S. (2016).
Cross-age tutoring in kindergarten and elementary school settings: A systematic review and meta-analysis. International Journal of Educational Research, 76, 190-210. ISSN 0883-0355. https://doi.org/10.1016/j.ijer.2015.03.007

Shiel, G., Kavanagh, L., & Millar, D. (2014).
The 2014 National Assessments of English Reading and Mathematics. Volume 1: Performance Report. Dublin: Educational Research Centre.

Smith, T., Noble, M., Noble, S., Wright, G., McLennan, D., & Plunkett, E. (2015).
The English Indices of Deprivation 2015: Technical Report. London: Department for Communities and Local Government. Disponibbli fuq: https://www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/464485/English_Indices_of_Deprivation_2015_-_Technical-Report.pdf

Smyth, J., & Hewitson, R. (2015).
Critical voices from adolescent 'shape shifters' – Accessing portraits in 'Becoming Educated'. Children's Geographies, 13, 692-706.

Sofroniou, N., Archer, P., & Weir, S. (2004).
An analysis of the association between socioeconomic context, gender and achievement. Irish Journal of Education, 35, 58–72.

Strøm, I., Thoresen, S., Wentzel-Larsen, T., & Dyb, G. (2013).
Violence, bullying and academic achievement: A study of 15-year-old adolescents and their school environment. Child Abuse & Neglect, 37, 243-251. https://doi.org/10.1016/j.chiabu.2012.10.010

Sui-Chu, E. H., & Willms, J. D. (1996).
Effects of parental involvement on eighth-grade achievement. Sociology of Education, 69, 126–141. doi:10.2307/2112802

Ttofi, M., & Farrington, D. (2009).
What works in preventing bullying: Effective elements of anti-bullying programmes. Journal of Aggression, Conflict and Peace Research, 1, 13-24.

Vallejo, C., & Dooly, M. (2013).
Early school-leavers and social disadvantage in Spain: From books to bricks and viceversa. European Journal of Education, 48, 390-404.

Van Belle, J. (2016).
Early Childhood Education and Care (ECEC) and its long-term effects on educational and labour market outcomes. Research report. RAND Corporation.

Vitoroulis, I., & Vaillancourt, T. (2015).
Meta-analytic results of ethnic group differences in peer victimization. Aggressive Behaviour, 41, 149-170.

Williams, J., Thornton, M., Morgan, M., Quail, A., Smyth, E., Murphy, D., & O'Mahony, D. (2018).
The lives of 13-year-olds: Growing up in Ireland, national longitudinal study of children in Ireland. Dublin: Department of Children and Youth Affairs.

Working Group on the Future of Post-Secondary Education. (2017).
Rapport lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Impjieg. Il-Furjana: Ministeru għall-Edukazzjoni.

**IL-GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI,
L-ISPORT, IŻ-ŻAGĦŻAGĦ, IR-RIĊERKA
U L-INNOVAZZJONI

education.gov.mt